Persuni b'Diżabilità

KNPD

# il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Rapport Annwali 2009/10

10

Għaxar Snin tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs

www.knpd.org

# Persuni b'Diżabilità

# il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

## Rapport Annwali 2009/10

## Għaxar Snin tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità
KNPD

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute, Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
Sms: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2011

Edituri: Anne-Marie Callus, Marianne Debono, Elvin Sciberras

# WERREJ


| | |
|---|---|
| Daħla | 05 |
| Sommarju Eżekuttiv | 07 |
| Ħarsa Lejn l-Ilmenti Prinċipali | 11 |
| Ħarsa Ġenerali | 29 |
| Lista ta’ Lmenti Kollha | 41 |

# Ngħixu bis-Sħiħ fil-Komunità

L-2010 kienet sena importanti fil-kalendarju tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) għaliex dan kien l-għaxar anniversarju mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tal-2000. Fl-istess waqt il-KNPD ingħatat ir-responsabilità importanti li timplimenta din l-istess liġi.

Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, kif inhi magħrufa fil-qosor, fetħet orizzonti ġodda fil-leġislazzjoni ta' pajjiżna billi kienet l-ewwel liġi antidiskriminatorji fl-istorja. Kienet storika wkoll għaliex kellha l-appoġġ unanimu tal-Kamra tar-Rapprezentanti u konsensus wiesgħa ħafna mis-setturi pubbliċi u privati.

M'hemmx dubbju li għad baqa' ħafna x'isir biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu igawdu minn opportunitajiet indaqs mingħajr ma jkollhom jissieltu ma' ostakli soċjali ta' kuljum. Imma, jekk naraw daqxejn fejn konna għaxar snin ilu u naraw fejn aħna llum, ikollna nammettu li progress sar, u għadu qed isir ... ovvjament mhux dejjem bil-pass mħaffef li kollha kemm aħna nixtieq–u naraw.

Kif josserva dan ir-rapport, fl-ewwel għaxar snin ta' ħidma, it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fi ħdan il-KNPD investigat kważi 1,000 ilment. Dan jagħti medja ta' madwar 100 ilment fis-sena. Meta tqis iċ-ċokon tal-gżejjer tagħna u l-kultura fejn ftit jew xejn kienu jsiru lmenti minn persuni b'diżabilità u familjari tagħhom, dan huwa numru inkoraġġanti. Juri li bil-mod il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħna qed isiru aktar konxji tad-drittijiet tagħhom, u dan għaliex qed tikber il-kunfidenzja fihom infushom, fil-kapaċijiet tagħhom u fil-valur intrisiku tagħhom.

L-aċċessibilità fiżika baqgħet tiddomina bħala numru ta' lmenti. Imma din tifhimha meta tirrejalizza li aktar minn terz tal-persuni b'diżabilità għandhom diżabiltà

fiżika, filwaqt li 15% għandhom aktar minn diżabilità waħda li ħafna drabi tkun tinkludi diżabilità fiżika.

Madankollu, l-KNPD dejjem kienet konxja li l-aċċessibilità fiżika ma kienitx il-bidu u t-tmiem tax-xkiel soċjali. Għalhekk dejjem għamlet, u tibqa' tagħmel, l-almu tagħha biex tidentifika, tinvestiga u tikkonkludi ilmenti li jafftewaw persuni b'diżabilità oħra, speċjalment fl-oqsma maġġuri tal-Liġi li huma: Edukazzjoni, Xogħol, Akkomodazzjoni, l-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi, u l-Assigurazzjoni. Din il-ħidma hija riflessa f'dan ir-rapport.

Inħeġġeġ lill-persuni b'diżabilità Maltin u Għawdxin u l-familjari u ħbieb tagħna biex kollha kemm aħna ninfurmaw ruħna aħjar dwar x'tista' tagħmel il-Liġi Opportunitajiet Indaqs biex tgħinna nkomplu ngħollu l-kwalità ta' ħajja tagħna biex, bis-saħħa tal-edukazzjoni kontinwa u liġijiet anti-diskriminatorji nilħqu l-għan aħħari tagħna li: Ngħixu b'Mod Sħiħ fil-Komunità.

**Joe Camilleri**
*Chairman, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità*

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

- Matul din is-sena l-KNPD ħadmet fuq total ta' 244 ilment, 141 li kienu pendenti mis-snin ta' qabel u 103 ilment ġdid. Dan ifisser tnaqqis ta' 41 ilment peress li s-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq total ta' 285 ilment.
- In-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena (103 ilment) ifisser tnaqqis ta' 69 ilment mis-sena l-oħra. Fil-fatt is-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq 172 ilment ġdid.
- In-numru ta' lmenti għal din is-sena hu ta' 5 ilmenti aktar mill-medja tal-ilmenti li l-KNPD tirċievi kull sena (98 ilment).
- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena kien ta' 14, żieda ta' 3 ilmenti mis-sena l-oħra.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti niżel minn 38 għal 22 ilment li jfisser tnaqqis ta' 16-il ilment.
- F'sintonija ma' dak li ġara fis-snin preċedenti, il-qasam tal-aċċessibilità kkonferma ruħu bħala l-aktar qasam li dwaru tirċievi lmenti l-KNPD. Fil-fatt din is-sena kien hemm 35 ilment ġdid, anke jekk dan ifisser tnaqqis ta' 30 ilment mis-sena l-oħra.
- Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi ġie reġistrat tnaqqis ta' 28 ilment. Fil-fatt din is-sena l-KNPD rċeviet 22 ilment ġdid meta s-sena l-oħra rċeviet 50 ilment.
- In-numru ta' lmenti ġodda fil-qasam tad-djar u tal-assigurazzjoni baqa' baxx ħafna. Fil-fatt ġew reġistrati 5 ilmenti għal kull qasam.
- Matul din is-sena l-KNPD għalqet 81 ilment minn total ta' 244 ilment li ħadmet fuqhom, filwaqt li 163 ilment għadhom qed jiġu diskussi. Dan ifisser li 33% tal-ilmenti ġew magħluqa filwaqt li trid titkompla l-investigazzjoni dwar 67% tal-ilmenti.

- Il-kawżi li kellha l-KNPD fil-konfront tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar l-għoti tal-medicini fl-iskejjel u fil-konfront tal-Banif Bank dwar aċċessibilità ngħalqu peress li fiż-żewġ każijiet instabet soluzzjoni barra l-Qorti.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti magħluqa kienu dwar aċċessibilità, 26 ilment jew 32% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom il-KNPD matul dan il-perjodu. Fil-fatt il-KNPD għalqet 26 minn 125 ilment li ħadmet fuqhom f'dan il-qasam.
- Il-KNPD għalqet 9 minn 14-il ilment li rċeviet dwar il-qasam tax-xogħol, filwaqt li għalqet 18 minn 56 ilment li rċeviet dwar il-qasam tal-edukazzjoni. Fir-rigward tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, il-KNPD għalqet 23 minn 38 ilment li ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu, filwaqt li fir-rigward tal-qasam tad-djar għalqet 3 minn 5 ilmenti li ħadmet fuqhom. Fir-rigward tal-assigurazzjoni l-KNPD għalqet 2 minn 6 li ħadmet fuqhom.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti (60%) li għadhom qed jiġu diskussi huma relatati mal-aċċessibilità. Filwaqt li t-tieni l-akbar qasam li għandu lmenti miftuħin huwa dak tal-edukazzjoni (24%). Il-qasam tax-xogħol għandu 3% tal-ilmenti miftuħin, il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi għandu 9%, il-qasam tad-djar għandu 1% filwaqt li l-qasam tal-assigurazzjoni għandu 2%.
- Matul dan il-perjodu kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (59%) milli kontra s-settur privat (42%). Fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi kien hemm żieda ta' 4 punti perċentwali (minn 55% għal 59%) filwaqt li fir-rigward tas-settur privat kien hemm tnaqqis ta' 2 punti perċentwali (minn 44% għal 42%).
- L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (60% tal-każijiet), filwaqt li t-tieni u t-tielet l-akbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Kunsilli Lokali (38% tal-każijiet) u tas-settur privat (28%). L-ilmenti magħluqa fil-konfront ta' entitajiet parastatali kienu ta' 21% filwaqt li r-rata tal-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienet ta' 15%.
- Fl-aħħar ta' dan il-perjodu l-KNPD kellha każ wieħed li

kien quddiem il-Qorti fejn trid tkompli tinstema' l-kawża kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gzira. Il-KNPD kellha wkoll 4 każijiet oħra fejn ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Tlieta minn dawn huma relatati mal-aċċessibilità fiżika u saru fil-konfront tas-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club, filwaqt li wieħed minn dawn huwa relatat mal-assigurazzjoni u sar fil-konfront tal-Bank of Valletta.

- Il-Bord dwar l-Eżami ta' X'Inhu Raġonevoli ra 82 każ, li jfisser żieda ta' 9 każijiet mill-aħħar sena, fejn 32 minn dawn (39%) ġew aċċettati bħala raġonevoli b'ċertu kundiżżjonijiet. Min-naħa l-oħra 26 każ (32%) ma ġewx aċċettati filwaqt li kien hemm 24 każ (jew 29%) fejn intalbet aktar informazzjoni.

# ĦARSA LEJN L-ILMENTI PRINĊIPALI

Kif tagħmel kull sena, il-KNPD qed tippreżenta lill-pubbliku l-ħidma li hi wettqet matul it-tnax-il xahar ta' qabel, f'dan il-każ bejn Ottubru 2009 u Settembru 2010. Dan sabiex tassigura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tiġi osservata u hekk tkun qed tħares mhux biss l-interessi tal-persuni b'diżabilità nfushom imma tas-soċjetà kollha in ġenerali. Ta' min jgħid li r-rapporti ta' ħidma ta' din il-Liġi jibdew minn Ottubru peress li din il-Liġi daħlet kollha fis-seħħ f'Ottubru 2000. Fil-fatt din hija l-għaxar sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi u kif nistgħu naraw f'dan il-ktejjeb, kien hemm żviluppi interessanti dwar liema oqsma tal-Liġi l-aktar li jolqtu lil persuni b'diżabilità.

Din il-ħidma ssir minn taqsima żgħira fi ħdan is-segretarjat tal-KNPD, it-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs, li tirċievi lmenti minn persuni li jħossuhom diskriminati minħabba d-diżabilità tagħhom. Il-membri ta' din it-Taqsima huma kif ġej:

- Is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD
- Is-Sna Anne-Marie Callus, Direttur Eżekuttiv tal-KNPD
- Is-Sna Marianne Debono, Koordinatur tat-Taqsima
- Is-Sur Elvin Sciberras, Assistant Manager
- Is-Sna Victoria Grech, Assistant Services Officer
- Dr Daniela Mangion, Avukat
- Is-Sur Alfred Bezzina, Konsulent

Taqsima III tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs tagħti dettalji dwar l-oqsma li fihom ma tistax issir diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità minħabba d-diżabilità tagħha. Dawn l-oqsma huma mqassma f'ħames Titoli li huma:

1. Impjieg
2. Edukazzjoni
3. Dħul (aċċess fiżiku)
4. Għoti ta' oġġetti, faċilitajiet jew servizzi
5. Akkomodazzjoni (djar)

Minbarra dan, Titolu 6 jagħti dettalji dwar eżenzjonijiet. Dan it-Titolu jipproteġi lill-persuni b'diżabilità kontra diskriminazzjoni fejn tidħol assigurazzjoni.

Din is-sezzjoni tar-rapport tiġbor fiha rendikont fil-qosor ta' kull ilment prinċipali li ħadmet fuqu l-KNPD matul din l-aħħar sena. F'kull sezzjoni hemm tlett taqsimiet:

- Ilmenti magħluqa;
- Ilmenti li dwarhom għaddejjin diskussjonijiet;
- Ilmenti quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ.

*In-numru ta' kull ilment skont it-Tabelli f'paġni 41-58 jidher wara l-isem tal-ilment.*

# 1. L-IMPJIEG

## ILMENTI MAGĦLUQA

### Ilment dwar terminazzjoni ta' impjieg b'mod inġust (Ilment 12)

Persuna b'diżabiltà lmentat mal-KNPD li tilfet ix-xogħol li kellha ma' kumpanija privata b'mod inġust peress li dawn ma kinux qalulha x'inhuma l-kundizzjonijiet tax-xogħol meta impjegawha. Din il-persuna allegat li din il-kumpanija temmitilha x-xogħol bir-raġuni tkun li kienet ġiet impjegata bħala sostituta ta' persuna oħra li kienet fuq *maternity leave* u li l-istess persuna kienet se tirritorna għax-xogħol. Il-KNPD bdiet tinvestiga dan l-ilment sabiex tara jekk saritx diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuna b'diżabilità pero' waqt din l-investigazzjoni rrizultalha li l-persuna kienet ħadet passi legali kontra l-kumpanija u allura kif inhi l-proċedura tal-KNPD f'każijiet bħal dawn, ġie deċiż li l-lment għandu jingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Ilment minn *car park attendant* (Ilment 9)

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabilità li huwa liċenzjat sabiex jaħdem bħala *car park attendant* fil-Ħdud u l-festi pubbliċi. Il-KNPD ġiet mgħarrfa minn din il-persuna li l-*attendants* li jaħdmu fl-istess *car park* miegħu qegħdin iqabbdu nies oħrajn sabiex jaħdmu minflokhom u li m'humiex awtorizzati li jaħdmu f'dak il-*car park*, u dan meta suppost iqabbdu lilu. Minnufih sar kuntatt ma' Transport Malta sabiex tiġi evalwata din is-sitwazzjoni u jekk jinstab li hemm abbuż, tittieħed azzjoni immedjata. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-impjieg li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 2. EDUKAZZJONI

### ILMENTI MAGĦLUQA

**L-għoti ta' mediċina fl-iskejjel (Ilment 15)**

Il-KNPD kompliet tinvestiga u rnexxielha tagħlaq il-każ li kellha l-Qorti dwar l-amministrazzjoni tal-mediċini lill-istudenti b'diżabilità waqt il-ħin tal-iskola. Dan peress li numru ta' studenti ma kinux qed jingħataw il-mediċina li jeħtieġu waqt li jkunu l-iskola jew inkella l-ġenituri tagħhom kien qed ikollhom imorru l-iskola kuljum (ġieli aktar minn darba) biex jagħtu l-mediċina lil uliedhom. Inizjalment il-KNPD kienet ikkoperat mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u anke ħadet sehem f'*task force* li twaqqaf apposta fejn għamlet ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa, iżda baqgħet ma nstabitx soluzzjoni. Kien għalhekk li l-KNPD ma kien baqgħalha l-ebda triq oħra ħlief li tippreżenta protest gudiżżjarju, u sussegwentement, tiftaħ kawża kontra l-Ministeru. Minkejja din il-kawża, il-KNPD kompliet tesplora wkoll il-possibilità li tinstab soluzzjoni għal din il-problema barra l-Qorti, kif fil-fatt irnexxielha tagħmel. Dan għaliex wara taħditiet, il-Ministeru informa lill-KNPD li minn Settembru 2009 kien għamel ftehim biex jixtri dan is-servizz mingħand l-MMDNA. U b'hekk *nurses* tal-MMDNA qed jintbagħtu fl-iskejjel biex jagħtu l-medicina li jeħtieġu l-istudenti.

**Studenti b'diżabilità jintbagħtu d-dar meta l-Learning Support Assistant tkun assenti (Ilment 16)**

Il-KNPD kompliet bl-investigazzjoni u għalqet l-ilmenti dwar studenti b'diżabilità li jattendu skejjel tal-Knisja li kienu qed jintbagħtu d-dar meta l-*LSA* tagħhom tkun assenti. Wara diskussjonijiet, il-KNPD ġiet mgħarrfa mill-Knisja ta' Malta li mhux possibbli li tipprovdi *LSAs* sostituti għall-istudenti u għalhekk wara qbil li ntlaħaq mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, dan iddeċieda li jgħin lill-iskejjel tal-Knisja billi jkun hu li jipprovdilhom *LSAs* sostituti.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Aċċessibilità fl-Iskejjel ta' Għawdex (Ilment 17)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment li rċeviet dwar diversi skejjel f'Għawdex. Persuni b'diżabilità li jagħmlu użu minn dawn l-iskejjel, staff u studenti lmentaw mal-KNPD li bdew isibu diffikultà f'dawn l-iskejjel minħabba nuqqas ta' aċċessibilità. Wara laqgħa li kienet saret f'dawn l-iskejjel bejn il-KNPD u l-Ministeru ta' Għawdex, kien tħejja rapport dettaljat minn perit imqabbad mill-Ministeru fejn ġew elenkati l-problemi maġġuri li kellu jsir xogħol fuqhom fuq medda ta' żmien. Filwaqt li l-KNPD tinnota b'sodisfazzjon li l-maġġoranza ta' dawn il-problemi nstabet soluzzjoni għalihom, għadha għaddejja f'diskussjonijiet mal-Ministeru ta' Għawdex sabiex jittieħdu l-aħħar passi meħtieġa u b'hekk l-ilment ikun jista' jingħalaq.

### Skejjel tal-Kompjuters (Ilment 19)

Il-KNPD rċeviet diversi lmenti li xi skejjel tal-kompjuters ma kinux fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Minħabba l-importanza li joffri l-użu tal-kompjuter fid-dinja tal-lum, il-KNPD iddeċidiet li tifrex l-investigazzjoni tagħha mal-iskejjel kollha li joffru tagħlim tal-kompjuters f'Malta. Waqt li kienet għaddejja din l-investigazzjoni qamet il-kontroversja tal-iMCAST dwar l-għoti ta' kuntratti għat-tagħlim tal-kompjuters minn dawn l-iskejjel. Waħda mill-kundizzjonijiet li ġiet imposta fuq dawn l-iskejjel kienet li l-bini tagħhom kellu jkun aċċessibbli għal kulħadd. Ta' min jgħid li l-KNPD laħqet ftehim ma' żewġ skejjel tal-kompjuters (Computer Domain u St Martin's Computer Centre) dwar id-diversi aspetti ta' aċċessibilità, fosthom aċċess fiżiku kif ukoll aċċess għas-servizzi edukattivi li joffru. Kif għamlet fl-aħħar snin, il-KNPD se tkompli għaddejja b'din l-investigazzjoni u se tkompli timpenja ruħha bil-għan li dawn l-iskejjel ikunu raġonevolment aċċessibbli għal kulħadd.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Minbarra li ngħalqet il-kawża kontra l-Ministeru tal-Edukazzjoni, ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-edukazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 3. DĦUL (AĊĊESSIBILITÀ FIŻIKA)

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Il-Banif Bank (Ilment 66)**

Matul din is-sena l-KNPD irnexxielha tagħlaq l-ilment li nfetaħ fl-2008 dwar nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħat ta' dan il-Bank. Inizjalment l-ilment infetaħ peress li dan il-Bank kien fetaħ fergħa f'San Ġiljan li ma kinitx aċċessibbli għal kulħadd u dan minkejja li pjanti li ġew għand il-KNPD mill-MEPA kienu jindikaw li din il-fergħa se tkun aċċessibbli. Wara diskussjonijiet, il-Bank spjega li kien ħa żball għax parti mill-propjetà li ħaseb li kienet tiegħu fil-fatt ma kinetx u għalhekk ma setgħetx issir ir-rampa proposta fil-permess. Sussegwentement, mingħajr konsultazzjoni mal-KNPD, il-Bank stalla *platform lift* li l-qisien tiegħu mhux skont il-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD, minbarra li hemm tarġa għal dan il-*platform lift*. Waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni, il-KNPD irriżultalha wkoll li dan il-Bank għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'post li mhux aċċessibbli għal kulħadd. Ġara wkoll li l-Bank fetaħ fergħa oħra fil-PAVI Supermarket f'Ħal-Qormi fejn ir-*reception* biss kienet aċċessibbli. Minkejja li l-Bank kien wiegħed li fi ftit ġimgħat kien se jistalla *platform lift*, il-KNPD ma aċċettatx din is-sitwazzjoni u għalkemm kienet lesta li tilħaq ftehim globali, insistiet li l-bank jaddotta *policy* ġenerali ta' opportunitajiet indaqs, li l-uffiċċju prinċipali jsir aċċessibbli u li l-fergħat ġodda li jinfetħu fil-futur ikunu mill-bidunett aċċessibbli għal kulħadd. Il-Bank baqa' jsostni li l-uffiċċju prinċipali kien aċċessibbli filwaqt li talab li jingħata perjodu qasir sakemm l-uffiċini li jiftaħ fil-futur jagħmilhom aċċessibbli. Il-KNPD kienet lesta taċċetta din l-aħħar talba bil-kundiżżjoni li, kif isir ma' entitajiet oħra, tiġi ppreżentata garanzija bankarja. Peress li ma ntlaħaqx ftehim dwar dan, il-KNPD l-ewwel ippreżentat protest ġudiżżjarju u sussegwentement fetħet kawża fil-Qorti, li bdiet tinstema fl-1 ta' Marzu 2010. Minkejja din il-kawża, il-KNPD baqgħet għaddejja b'diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-Banif Bank sabiex tinstab soluzzjoni amikevoli, kif fil-fatt irnexxielha tagħmel. Dan għaliex intlaħaq ftehim mal-Bank dwar id-diversi aspetti ta' aċċessibilità, fosthom aċċess fiżiku kif ukoll aċċess għas-servizzi li joffri.

### House of Catalunya (Ilment 46)

Il-KNPD kompliet tinvestiga u rnexxielha tagħlaq l-ilment li l-House of Catalunya li tinsab fil-Belt Valletta mhix aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern li jopera minn dan il-bini, sar rapport dettaljat mill-Perit tal-KNPD li ntbagħat lid-Dipartiment sabiex jaħdem fuq ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija. Matul din is-sena ġie nnutat li x-xogħolijiet in kwistjoni kienu saru u għalhekk dan l-ilment ingħalaq.

### Tojlit aċċessibbli f'Saint James Cavalier (Ilment 85)

Il-KNPD irnexxielha tagħlaq l-ilment li għalkemm f'dan iċ-ċentru kulturali li jinsab fil-Belt Valletta kien hemm tojlit aċċessibbli għal kulħadd, dan kellu xi ħsarat fih u ma setax jintuża minn persuni b'diżabilità. Kien għalhekk li l-KNPD insistiet mal-maniġment ta' dan il-bini sabiex mill-aktar fis jittieħdu l-miżuri neċessarji. Matul din is-sena l-KNPD ġiet mgħarrfa mill-maniġment li dan it-tojlit issewwa u wara li ġie ċertifikat dan mill-KNPD, l-ilment ingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Aċċessibilità fil-Junior College (Ilment 20)

Il-KNPD kompliet issegwi mill-qrib dan l-ilment dwar nuqqas ta' aċċess fiżiku fil-Junior College; liema lment sar minn studenti b'diżabilità li jattendu dan il-Kulleġġ. Peress li l-Kulleġġ jaqa' taħt l-Università ta' Malta, il-KNPD kienet infurmat lil din l-entità sabiex tiżgura li ssir ħidma bil-għan li fi żmien raġonevoli dan il-bini jsir aċċessibbli. L-Università kienet aċċettat li għandha ssir laqgħa fuq il-post minn rappreżentanti tal-Università u l-Perit tal-KNPD sabiex jiġu identifikati l-problemi maġġuri eżistenti. Fil-fatt wara din il-laqgħa tħejjew il-pjanti neċessarji u saret applikazzjoni lill-MEPA sabiex ikunu jistgħu jinbdew ix-xogħolijiet. Il-KNPD hija infurmata li l-MEPA għadha ma ħarġitx il-permess relevanti u għalhekk ix-xogħolijiet ma jistgħux jinbdew għalissa.

### Ufficini Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali (Ilment 44, 45)

Wara lment li rċeviet il-KNPD u wara li sar kuntatt mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, dan tal-aħħar għamel studju dettaljat ta' kull

uffiċċju distrettwali tiegħu bil-ħsieb li jitfassal pjan sabiex fuq medda ta' żmien dawn l-uffiċċji jsiru aċċessibbli sal-massimu possibbli. Minkejja insistenza mill-KNPD, għal xi żmien baqa' ma sar xejn iżda matul is-sena l-oħra d-Dipartiment ippreżenta lill-KNPD bi pjan marbut ma' żmien dwar il-ħidma tiegħu f'kull uffiċċju distrettwali. Matul din is-sena l-KNPD kompliet issegwi mill-qrib dan l-ilment sabiex jiġi żgurat li l-pjan kif mogħti lilha jiġi rispettat. Fil-fatt riċentement irċeviet l-ewwel rispons dwar xi uffiċini li saret ħidma fihom iżda li għad trid tiġi spezzjonata.

**Il-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa (Ilment 48)**

Il-KNPD rċeviet diversi lmenti li l-Bereġ tad-Divizjoni tas-Saħħa ma kinux aċċessibbli għal kulħadd, u li wħud minnhom saħansitra tidħol għalihom bit-tarag. Waqt din l-investigazzjoni, rappreżentanti taż-żewġ naħat żaru l-Bereġ kollha ta' Malta u ħejjew rapport dettaljat b'rakkomandazzjonijiet biex din is-sitwazzjoni titjieb, kemm fi żmien qasir kif ukoll fuq medda ta' żmien itwal. Fost affarijiet oħra, il-KNPD tat il-parir sabiex b'mod immedjat kull fejn hemm taraġ jitwaħħlu *railings* siguri filwaqt li l-wiċċ ta' dawn it-turġien ikun ta' materjal li ma jiżloqx (*non-slip*). Il-KNPD talbet lid-Diviżjoni tas-Saħħa biex tagħmel pjan ta' ħidma biex fuq medda ta' żmien raġonevoli timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet. B'reazzjoni għal dan ir-rapport u wara insistenza mill-KNPD, matul din is-sena l-KNPD rċeviet l-ewwel rispons mingħand id-Divizjoni tas-Saħħa dwar xogħolijiet li saru f'xi Bereġ. Sadattant il-KNPD iddeċidiet li għandha tifrex l-investigazzjoni tagħha fuq iċ-Ċentri tas-Saħħa wkoll bir-raġuni tkun li probabilment dawn jintużaw ħafna aktar mill-Bereġ. Hawnhekk ta' min isemmi li dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gzira hemm kawża fil-Qorti u li dettalji ta' dan l-ilment jinsabu aktar 'il quddiem. Dwar dawn iċ-Ċentri tas-Saħħa għaddejjin diskussjonijiet ukoll mal-istess Diviżjoni tas-Saħħa.

**Aċċessibilità fit-Toroq (Ilmenti 59, 86, 87, 88, 90)**

Matul din is-sena l-KNPD kompliet bid-diskussjonijiet ma' Transport Malta peress li għandha diversi lmenti relatati ma' din l-entità u li ilhom pendenti għal diversi snin. Fil-fatt uħud minn dawn l-ilmenti huma dwar numru

ta' toroq u bankini f'toroq arterjali kif ukoll residenzjali li saru mhux skont il-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD. Filwaqt li l-KNPD tifhem li TM għaddiet minn diversi tibdil, anke ta' personnel, xorta waħda tħoss li għadda żmien biżżejjed biex tinstab soluzzjoni għal dawn l-ilmenti, li wħud minnhom imorru lura għall-2006. Għal din ir-raġuni l-KNPD talbet li ssir laqgħa oħra ma' TM, li fiha ġew identifikati liema toroq huma taħt il-ġuriżdizzjoni tat-TM jew tal-Kunsilli Lokali. F'din l-istess laqgħa l-KNPD ġiet żgurata li se tingħata pjan marbut ma' żmien raġonevoli għal kull triq li dwarha hemm ilment u li hija ta' TM. Ġie deċiż li l-Perit tal-KNPD jiddiskuti mal-Periti tat-TM ix-xogħol li hemm bżonn isir.

### Knejjes Parrokkjali f'Għawdex (Ilment 49)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment dwar aċċessibilità fil-knejjes parrokkjali ta' Għawdex. Fil-fatt matul l-2009 il-KNPD iltaqgħet għat-tieni darba mal-Isqof t'Għawdex, Mons Mario Grech peress li kienet qed tħoss li ftit li xejn qed jiġi reġistrat progress. F'din il-laqgħa l-KNPD ġiet żgurata mid-Djoċesi ta' Għawdex li tal-anqas żewġ knejjes parrokkjali fis-sena se jsiru aċċessibbli għal kulħadd. Fil-fatt il-knejjes indikati għall-2009 li kellha ssir ħidma fihom kienu dawk tax-Xagħra u ta' Sannat. Fil-bidu tal-2010 l-KNPD bdiet tistaqsi jekk kienx sar ix-xogħol f'dawn iż-żewġ knejjes skont il-pjan iżda d-Djoċesi ta' Għawdex ma tatx tweġiba. Il-KNPD kienet preokkupata b'din is-sitwazzjoni u wara insistenza mad-Djoċesi ta' Għawdex, din infurmat li matul l-2009 saru rapporti dettaljati fuq numru ta' knejjes parrokkjali wara li ġew appuntati tliet periti biex jagħmlu dan. Id-Djoċesi infurmat ukoll li wħud mill-kappillani diġa' bdew jaħdmu fuq dawn ir-rapporti u fil-fatt diġa' saru xi applikażżjonijiet lill-MEPA. Id-Djoċesi infurmat ukoll li sal-aħħar tal-2010 se jitlesta xogħol marbut mal-aċċess fiżiku fil-knisja katidrali kif ukoll ipprovdiet lill-KNPD bi pjan dwar il-ħidma fil-knejjes parrokkjali kollha ta' Għawdex.

### Knejjes Parrokkjali f'Malta (Ilment 50)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet għaddejja bid-diskussjonijiet mal-Knisja ta' Malta, fejn anke saru xi laqgħat, biex

tal-anqas il-knejjes parrokkjali f'Malta jsiru aċċessibbli. Dawn id-diskussjonijiet huma riżultat ta' laqgħa kordjali li l-KNPD kellha mal-Arcisqof Mons Pawl Cremona u Mons Anton Gouder, Pro-Vigarju Generali fl-2007. F'din il-laqgħa ż-żewġ partijiet kienu qablu li għandu jsir sforz qawwi ħalli l-knejjes parrokkjali f'Malta jkunu aċċessibbli b'mod raġonevoli u fl-iqsar żmien possibbli. Bi pjaċir il-KNPD tinnota li fl-aħħar snin ġie reġistrat progress sostanzjali; fil-fatt s'issa hemm 32 knisja parrokkjali li l-entratura tagħhom hi aċċessibbli għal kulħadd. Il-KNPD kontinwament tistaqsi għal *updates* sabiex jiġi żgurat li fi żmien qasir in-numru ta' knejjes aċċessibbli f'Malta jkompli jiżdied.

### Nuqqas ta' tojlit aċċessibilità fit-Terminal tal-Valletta Waterfront (Ilment 55)

Tkomplew ukoll diskussjonijiet mal-maniġment tat-Terminal tal-Valletta Waterfront minħabba lment li f'dan il-post m'hemmx tojlit aċċessibbli għal kulħadd. Matul din is-sena l-KNPD irċeviet żewġ pjanti differenti bi proposti għal dan it-tojlit (bħala konsultazzjoni qabel jinbdew ix-xogħolijiet) u fiż-żewġ okkażżjonijiet il-KNPD irrakkomandat li t-tojlit kif propost huwa aċċessibbli. Il-KNPD insistiet u se tibqa' tinsisti mal-maniġment li tingħata żmien stipulat meta t-tojlit jitlesta għaliex tħoss li l-affarijiet mexjin bil-mod wisq.

### L-Aula Magna fl-Università l-Qadima (Ilment 56)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment dwar aċċessibilità fl-Aula Magna tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta. Wara li inizjalment kien hemm problemi peress li parti minn dan il-bini ma kienx jagħmel parti mill-Università ta' Malta, issa l-bini huwa kollu amministrat mill-Università u hemm pjanijiet li jiġi stallat lift li jagħti aċċess lis-sulari kollha ta' dan il-bini. Matul din is-sena l-KNPD ġiet mgħarrfa li l-permess tal-MEPA nħareġ u l-Università ħarġet sejħa għall-offerti sabiex ikunu jistgħu jinbdew ix-xogħolijiet.

### Aċċessibilità għall-fergħat tal-APS Bank (Ilment 67)

Il-KNPD rċeviet ilment li l-APS Bank fetaħ fergħa f'Birkirkara li mhix aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet mal-Bank, dan aċċetta li għandu jieħu l-passi

kollha sabiex fl-iqsar żmien possibbli jagħmel din il-fergħa aċċessibbli għal kulħadd. Sadattant il-KNPD ħasset li għandha tifrex dan l-ilment fuq il-fergħat kollha, kif għamlet mal-banek l-oħra. F'laqgħa li kellha ma' dan il-Bank, il-KNPD ġiet infurmata li l-fergħat li m'humiex aċċessibbli għal kulħadd huma ftit u għalhekk ġie deċiż li l-Perit tal-KNPD għandu jispezzjona dawn il-fergħat sabiex jiċċertifika dan. Madankollu rapport dettaljat li ħejja l-Perit tal-KNPD wara żjarat fuq il-post kkonferma li fil-fatt kien hemm iżjed fergħat li ma kienux aċċessibli u għaldaqstant dan ir-rapport intbagħat lill-maniġment tal-Bank sabiex fi żmien raġonevoli jimplimenta l-rakkomandazzjonijiet meħtieġa. Sadattant l-APS Bank talab li jiltaqa' mal-KNPD biex jiġu diskussi diffikultajiet tekniċi li jeżistu f'żewġ fergħat filwaqt li assigura li l-kumplament tal-fergħat se jsiru aċċessibbli sa Ġunju 2011.

### Aċċessibilità għall-fergħat tal-Lombard Bank (Ilment 68)

Ilment ieħor li komplew għaddejjin diskussjonijiet dwaru huwa dwar aċċessibilità fil-fergħat tal-Lombard Bank. F'sintonija ma' dak li għamlet mal-Banek l-oħra, il-KNPD ikkuntattjat lil dan il-Bank fejn dan aċċetta li fost punti oħrajn, jiddiskuti l-aċċessibilità fil-fergħat tiegħu. F'din il-laqgħa ġie deċiż li għandu jsir rapport dettaljat tal-fergħat kollha li għandu l-Lombard, u li jkun segwit bi pjan marbut ma' żmien biex il-fergħat ikunu raġonevolment aċċessibbli. Fl-istess waqt qed issir ħidma sabiex jiġi ffirmat ftehim ma' dan il-Bank dwar id-diversi aspetti ta' aċċessibilità, fosthom aċċess fiżiku kif ukoll aċċess għas-servizzi li joffri l-Bank.

### Aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u l-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq (Ilment 127)

Filwaqt li matul din is-sena l-KNPD kompliet bl-investigazzjoni tagħha dwar l-aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv, iddeċidiet li għandha testendi wkoll dan l-ilment fir-rigward tal-Pixxina Nazzjonali li tagħmel parti minn dan il-bini. Dan wara lment li sar minn persuna b'diżabilità li ma setgħetx tinżel tgħum fil-pixxina. Fil-fatt il-KNPD kompliet tiddisuti mal-Kunsill Malti għall-Isport li huwa responsabbli minn dan il-bini. Fir-rigward tal-Kumpless Sportiv, il-KMS għarraf lill-KNPD li wara l-approvazzjoni tal-pjanti mill-KNPD

u sussegwentement bil-ħruġ tal-permess tal-MEPA, se jibdew ix-xogħolijiet meħtieġa. Fir-rigward tal-Pixxina Nazzjonali, se joħorġu sejħa għall-offerti sabiex jinxtara *hoist* u b'hekk persuni b'diżabiltà b'nuqqas ta' mobilità jkunu jistgħu jinżlu fiha. Il-KNPD emfasizzat li dan il-*hoist* ikun skont il-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD u anke offriet li ssir konsultazzjoni magħha qabel toħroġ is-sejħa għall-offerti.

### Lukandi Excelsior, Dolmen u Le Meridien (Ilmenti 71, 72, 74)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilmenti li dawn il-lukandi ma kienux aċċessibbli għal kulħadd. Fir-rigward ta' l-Excelsior, sar rapport dettaljat b'rakkomandazzjonijiet li ntbagħat lis-sidien tal-lukanda sabiex jiġu effettwati fi żmien raġonevoli. Fil-fatt din infurmat lill-KNPD li parti minn dan it-tibdil sar. Issa l-KNPD trid tiċċertifika dan ix-xogħol u tiddiskuti dwar dak li baqa' jsir. Fir-rigward tad-Dolmen, il-KNPD insistiet mas-sidien li fir-*refurbishment* li se jsir fil-lukanda jiġi assigurat li n-numru ta' kmamar aċċessibbli jkun skont kif jitolbu l-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD. Riċentement is-sidien infurmaw lill-KNPD li r-*refurbishment* għadu kif tlesta u għalhekk il-KNPD sejra tivverifika dan. Fir-rigward ta' Le Meridien, dawn lestew ix-xogħolijiet pendenti relatati mal-aċċessibilità bl-eċċezzjoni tal-*platform lift* li ma kienx skont il-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD. Is-sidien tal-lukanda ġew mgħarrfa b'dan u ntalbu sabiex fi żmien raġonevoli jieħdu l-miżuri korrettivi sabiex dan il-*lift* ikun konformi ma' dawn il-Linji Gwida.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Minbarra l-kawża kontra l-Bank Banif li ngħalqet, kien hemm ukoll dawn l-ilmenti li ttieħdu l-Qorti:

### Iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira (Ilment 47)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet bil-kawża li għandha fil-Qorti kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar l-aċċessibilità għaċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gzira minħabba li dan mhux aċċessibbli għal kulħadd għax qiegħed fl-ewwel sular u m'hemmx lift. Din il-kawża ilha għaddejja ħafna u l-KNPD tħoss li kawżi li jikkonċernaw drittijiet bħal dawn m'għandhomx idumu daqshekk biex jinstemgħu u jiġu deċiżi. Sadattant il-KNPD iddeċidiet li tibda diskussjonijiet separati

mad-Diviżjoni tas-Saħħa dwar aċċessibilità fiċ-Ċentri tas-Saħħa l-oħra f'pajjiżna.

**Is-Sala Sant'Anna (Ilment 61)**

Il-KNPD għamlet protest ġudiżżjarju fil-Qorti kontra s-sid tas-Sala Sant'Anna f'Marsaskala minħabba li dan naqas li jipprovdi aċċessibilità għal kulħadd għal din is-sala. Il-KNPD tat ċans lis-sid sabiex jipprovdi aċċess għal kulħadd, iżda għad ma għandiex risposta.

**Huggins Pub (Ilment 82)**

Sar ukoll protest ġudizzjarju kontra s-sid ta' Huggins Pub f'Paceville. Ir-raġuni għal dan il-Protest kienet għaliex is-sid naqas li jwieġeb l-ittri tal-KNPD skont kif tobbligah il-Liġi. F'dawn l-ittri s-sid kien qed jintalab sabiex irendi dan il-post aċċessibbli għal kulħadd. Ta' min jgħid li f'applikazzjoni li kienet saret lill-MEPA mill-istess sid xi snin ilu, dan kien ippreżenta pjanti li kienu skont il-Linji Gwida *Access for All* tal-KNPD, fejn anke l-KNPD tat l-approvazzjoni tagħha għal dawn il-pjanti lill-MEPA. Iżda mbagħad meta fetaħ l-istabbiliment irriżulta li x-xogħolijiet saru b'mod differenti minn kif kien jidher fil-pjanti.

**Sky Club (Ilment 84)**

Sar ukoll protest ġudiżżjarju kontra s-sid tal-iSky Club f'Paceville. Minkejja li dan kien ta garanzija bankarja lill-KNPD li se jagħmel il-post aċċessibbli għal kulħadd fi żmien stipulat, dan naqas li jagħmel dan. Matul din is-sena l-KNPD kompliet tinsisti mas-sid li għandu jonora l-ftehim li għandu mal-KNPD u jirrispetta l-obbligi li titfa' fuqu l-Liġi Opportunitajiet Indaqs. Fil-fatt saret laqgħa miegħu fejn dan aċċetta li l-Perit tal-KNPD għandu jispezzjona l-post.

## 4. GĦOTI TA' OĠĠETTI, FAĊILITAJIET U SERVIZZI

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Websajts ta' Melita, Djocesi ta' Għawdex, Yellow Pages u Notte Bianca (Ilmenti 133, 134, 137, 148)**

Dawn l-ilmenti kienu saru minn persuni b'diżabilità għaliex ma setgħux jaċċessaw l-informazzjoni li tinsab f'dawn il-websajts iżda wara kuntatt li l-KNPD għamlet mal-kumpaniji u entitajiet responsabbli, dawn mill-ewwel aċċettaw li jagħmlu t-tibdil necessarju. L-ilmenti issa ngħalqu peress li

issa dawn huma aċċessibbli għal kulħadd, inkluż persuni neqsin mid-dawl.

**Aċċessibilità għall-programm televiżiv Xarabank (Ilment 142)**

Il-KNPD inexxielha tagħlaq l-ilment li rċeviet mingħand persuni b'nuqqas ta' smigħ li l-programm televiżiv *Xarabank* fuq TVM mhux aċċessibbli għalihom. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-*producers* tal-programm u aktar tard mal-PBS fejn talbet li jsir tentattiv sabiex tibda tixxandar verżjoni ta' dan il-programm li jkollha interpretazzjoni bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Wara diffikultajiet tekniċi inizjali minħabba n-natura tal-programm, il-KNPD ġiet ippreżentata b'DVD ta' programm li kien jinkludi din l-interpretazzjoni. Wara li kkonsultat ma' persuni neqsin mis-smigħ infushom, il-KNPD tat il-pariri tekniċi sabiex jipproċedu b'din il-verżjoni u fil-fatt din il-verżjoni tal-programm bdiet tixxandar fuq Education 22 fl-istess ħin li jixxandar il-programm.

## ILMENTI MIFTUĦA

**Servizz ta' karozzi hand-controlled għall-kiri (Ilmenti 147, 156, 157, 158, 159, 160, 161)**

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment dwar nuqqas ta' servizz ta' karozzi bil-*hand controls* li jkunu jistgħu jinkrew minn persuni b'diżabilità. Inizjalment kien sar kuntatt mar-Rent-A-Car Association li hija l-Assoċċjazzjoni li tiġbor fiha l-ġaraxxijiet li jikru vetturi lill-pubbliku. Wara ħafna diskussjonijiet dawn aċċettaw li jixtru *hand control kit* li jkun jista' jinkera minn persuni b'diżabilità u jeħel fil-vettura tagħhom. Madankollu, minkejja li r-RACA infurmat li xtrat dan il-*kit*, il-KNPD ġiet infurmata wkoll li din l-Assoċċjazzjoni ma għandhiex nies li jwaħħlu dan il-*kit* fil-vettura ta' min jixtieq jikrih. Għaldaqstant il-KNPD bdiet diskussjonijiet separati mal-ġaraxxijiet il-kbar li jikru l-vetturi fejn qed titlob sabiex fi żmien raġonevoli, dawn jibdew jikru wkoll vetturi mgħammra bil-*hand controls*. Ta' min isemmi li wħud minn dawn il-ġaraxxijiet infurmaw lill-KNPD li ma jikrux vetturi lill-pubbliku u għalhekk l-ilmenti fil-konfront ta' dawn il-ġaraxxijiet ingħalqu.

## Trasport Pubbliku (Ilmenti 140, 141)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet tinvestiga l-ilmenti li rċeviet minn persuni b'diżabilità b'konnessjoni mal-użu tat-trasport pubbliku, fosthom karozzi tal-linja, servizz tal-*Park & Ride*, *Citicabs*, *ferry boats* u *taxis*. Fil-fatt saret laqgħa oħra minn sensiela ta' laqgħat ma' Transport Malta bil-għan li l-aċċessibilità għal kulħadd tkun parti integrali fir-riforma ġdida tat-trasport pubbliku li se tiġi mħabbra dalwaqt. Fil-fatt f'din il-laqgħa l-KNPD reġgħet ġiet żgurata minn TM li r-rifoma l-ġdida se tieħu ħsieb ukoll il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità.

## Sottotitoli tal-programmi fuq l-istazzjonijiet tal-GO (Ilment 143)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment li rċeviet minn persuni neqsin mis-smigħ li l-Kumpanija GO ma tipprovdix sottotitoli tal-programmi mxandra mill-istazzjonijiet li jinsabu fil-pakketti offruti minnha. Matul din is-sena saret laqgħa ma' din il-Kumpanija fejn din min-naħa tagħha għarrfet lill-KNPD li ma tipproduċix sottotitoli iżda tista' xxandar programmi li jkunu bis-sottotitoli. Fil-fatt ix-xogħol ta' sottotitoli isir mill-Production Houses infushom meta jkunu qed jaħdmu fuq materjal televiżiv. Filwaqt li żiedet li jeżistu diffikultajiet tekniċi dwar l-ammont ta' stazzjonijiet b' sottotitoli li tista' xxandar, wiegħdet li se tagħmel dak kollu possibbli fil-limitazzjonijiet tagħha sabiex tibda toffri dan is-servizz fuq numru limitat ta' stazzjonijiet li jkun fihom is-sottotitoli. Il-KNPD se tkompli ssegwi dan l-ilment filwaqt li beħsiebha tibda diskussjonijiet ma' kumpanija oħra lokali li toffri dan is-servizz. L-għan tal-KNPD huwa li testendi d-diskussjonijiet tagħha wkoll mal-Production Houses infushom bil-għan li fil-futur jibda jkun hemm programmi televizivi lokali li jistgħu jiġu segwiti bis-sottotitoli.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti, faċilitajiet u servizzi li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 5. AKKOMODAZZJONI (DJAR)

### ILMENTI MAGĦLUQIN

**Rampa perikoluża quddiem blokk ta' appartament tal-Awtorità tad-Djar (Ilment 176)**

Il-KNPD irċeviet ilment li quddiem blokk ta' appartamenti tal-Awtorità tad-Djar hemm rampa li hija perikoluża għal persuni li jużawha. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-Awtorità u talbet sabiex fi żmien raġonevoli jsiru t-tibdiliet meħtieġa f'din ir-rampa b'mod li jitneħħilha l-periklu u tiġi aċċessibbli sal-massimu possibbli. Fil-fatt l-Awtorità aċċettat li tagħmel dan it-tibdil u għalhekk dan l-ilment ingħalaq.

### ILMENTI MIFTUĦIN

**Rampa fil-parapett tal-komun (Ilment 177)**

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabiltà li tuża siġġu tar-roti li l-ġirien tagħha qed jirrifjutaw li jkun hemm rampa fil-parapett tal-komun ta' appartamenti privati u b'hekk qed issib diffikultajiet biex tidħol f'darha. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-Kunsill Lokali peress li dan kien aċċetta li jagħmel rampa fuq il-bankina iżda kienet perikoluża għal min jgħaddi minn fuqha u l-ġirien talbu lill-istess Kunsill biex ineħħiha. Il-ġirien qed jirrifjutaw ukoll li jsiru modifikażżjkonijiet fl-istess rampa sabiex ma tibqax perikoluża. Il-KNPD se tibqa' ssegwi dan l-ilment u tinsisti li tinstab soluzzjoni sabiex il-persuna b'diżabilità jkollha aċċess għal darha mingħajr tbatija.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-akkomodazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 6. ASSIGURAZZJONI

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Nuqqas ta' provediment ta' van li jieħu siġġu tar-roti waqt li l-van personali kien għat-tiswija (Ilment 172)**

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabilità li tuża siġġu tar-roti li l-kumpanija tal-assigurazzjoni Gasan Mamo rrifjutat li toffrilha van li jieħu siġġu tar-roti wara li l-van personali tagħha kien għat-tiswija wara ħabta. Wara li l-KNPD ikkuntattjat lil din il-Kumpanija, din aċċettat u ħadet il-passi neċessarji biex tipprovdi dan il-van lil din il-persuna b'diżabilità.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Cordina Insurance Agency (Ilment 173)

Il-KNPD irċeviet ilment li l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar offruta minn Cordina Insurance Agency hija diskriminatorja għaliex tagħmel distinzjoni bejn persuni b'diżabilità u dawk li ma għandhomx diżabilità. Il-KNPD għamlet kuntatt ma' din il-Kumpanija li mill-ewwel aċċettat li tagħmel emendi fl-assigurazzjoni tagħha u b'hekk tiġi konformi mal-Liġi. Fil-fatt għaddejjin diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat dwar jekk dawn l-emendi effettivament humiex biżżejjed biex tieqaf id-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità li jkunu jixtiequ jixtru l-assigurazzjoni mingħand din il-Kumpanija.

### Britannia Services Ltd (Ilment 174)

Ilment ieħor li rċeviet il-KNPD matul din is-sena u li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwaru huwa li l-kundiżżjonijiet tal-*bookings* u l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar tal-Kumpanija Britannia Services Ltd huma diskriminatorji. Dan għaliex il-Kumpanija tagħmel distinzjoni bejn persuni b'diżabilità li jixtiequ jagħmlu użu mis-servizzi ta' dawn il-Kumpanija u persuni li ma għandhomx diżabilità. Il-KNPD għamlet kuntatt ma' din il-Kumpanija u din qablet li fi żmien raġonevoli jsir it-tibdil neċessarju u b'hekk tieqaf id-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità f'dan ir-rigward.

### ROCS Insurance (Ilment 175)

Ilment ieħor relatat mal-assigurazzjoni kien mingħand ġenituri ta' tifel b'awtiżmu li ma setax isiefer minħabba li sar aġitat ħafna fuq l-ajruplan. Minħabba dan, il-familja kellha tħassar il-btala tagħha. Wara diskussjonijiet li saru ma' din il-kumpanija tal-assigurazzjoni, il-familja ngħatat kumpens raġonevoli li kienet talbet.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

### Assigurazzjoni għall-Persuni b'Diżabilità tal-Middlesea u mill-Bank of Valletta (Ilment 170)

Il-KNPD kienet ilha taħdem fuq ilment li l-Bank of Valletta kien qed ibiegħ assigurazzjoni tal-ivvjaġġar li ma kienitx tkopri persuni minħabba d-diżabilità tagħhom. Minħabba li l-assigurazzjoni kienet tinvolvi wkoll lill-Middlesea Insurance, il-KNPD bdiet diskussjonjiet maż-żewġ

entitajiet. Meta kienet kkuntattjata, il-Middlesea mill-ewwel stqarret li l-kliem użat ma kienx korrett u bidlitu. Għaldaqstant il-KNPD talbet lill-Bank of Valletta sabiex jibdlu l-kliem tal-prospektus kif għamlet il-Middlesea. Wara taħditiet mal-Bank, fl-2008 kien intlaħaq qbil dwar it-tibdil li kellu jiġi effettwat fl-assigurazzjoni biex din tiġi konformi mal-Liġi iżda minkejja dan, il-Bank naqas li jibdel il-prospektus. Għal din ir-raġuni matul din is-sena l-KNPD ippreżentat protest ġudizzjarju fil-Qorti kontra l-Bank of Valletta. Il-Bank provda kopja tal-prospektus il-ġdid li jrid jiġi eżaminat mill-KNPD.

# ĦARSA ĠENERALI

## ĦIDMA 2000-2010

Fl-għaxar sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi, il-KNPD ħadmet fuq 244 ilment li minnhom 141 kienu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel filwaqt li ħadmet fuq 103 ilment ġdid. Meta wieħed iqabbel iċ-ċifri ta' din is-sena ma' tas-sena ta' qabel, wieħed jinnota li:

- In-numru ta' lmenti ġodda li rċeviet il-KNPD matul din is-sena juri tnaqqis ta' 69 ilment peress li s-sena l-oħra saret ħidma fuq 172 lment ġdid filwaqt li din is-sena daħlu 103 ilment ġdid
- It-total ta' lmenti li ħadmet fuqhom il-KNPD matul din is-sena juri tnaqqis ta' 41 lment peress li s-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq 285 ilment.

Il-medja ta' lmenti li l-KNPD irċeviet kull sena matul dawn l-għaxar snin huwa ta' 98 ilment. Dan ifisser li n-numru ta' lmenti ġodda li rċeviet il-KNPD matul din is-sena (103) huwa ta' 5 ilmenti aktar mill-medja. L-ilmenti kienu mqassma kif jidher f'Tabella 1.

F'Tabella 2 wieħed jista' jqabbel l-ilmenti l-ġodda ma' dawk li daħlu fis-snin ta' qabel. Minn din it-tabella jista' jiġi nnutat li:

- Fl-ewwel għaxar snin ta' ħidma, il-KNPD b'kollox investigat 978 ilment; medja ta' 98 ilment

**TABELLA 1:** **Ilmenti li sar xogħol fuqhom fl-2008-2009**

| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr |
| Mis-snin ta' qabel | 0 | 0 | 34 | 24 | 90 | 64 | 16 | 11 | 0 | 0 | 1 | 0 | 141 |
| Ġodda | 14 | 14 | 22 | 21 | 35 | 34 | 22 | 21 | 5 | 5 | 5 | 5 | 103 |
| **Total** | **14** | **5** | **56** | **23** | **125** | **51** | **38** | **16** | **5** | **2** | **6** | **2** | **244** |

| **TABELLA 2: Ilmenti matul is-snin** | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Xgħl** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** |
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | 95 |
| 01/02 | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | 76 |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | 75 |
| 03/04 | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | 71 |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | 91 |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | 92 |
| 06/07 | 9 | 9 | 14 | 13 | 57 | 54 | 22 | 21 | 1 | 1 | 2 | 2 | 105 |
| 07/08 | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| 08/09 | 11 | 6 | 38 | 22 | 65 | 38 | 50 | 29 | 6 | 3 | 2 | 1 | 172 |
| 09/10 | 14 | 14 | 22 | 21 | 35 | 34 | 22 | 21 | 5 | 5 | 5 | 5 | 103 |
| **Total 00/10** | **98** | **10** | **209** | **21** | **405** | **41** | **217** | **22** | **29** | **3** | **20** | **2** | **978** |
| **Medja fuq 10 snin** | **10** | **10** | **21** | **21** | **41** | **41** | **22** | **22** | **3** | **3** | **2** | **2** | **98** |

fis-sena, li tvarja bejn 71 u 172 ilmenti.

- Fil-qasam tax-xogħol, in-numru ta' lmenti ġodda għal dan il-perjodu żdied bi 3 ilmenti fuq dak tas-sena l-oħra (minn 11 għal 14) filwaqt li l-perċentwal tal-ilmenti f'dan is-settur meta mqabbel mal-ilmenti kollha żdied bi 8% (14%) li kienet l-ikbar żieda mill-oqsma kollha. Kien hemm ukoll żieda ta' 4% għal dan is-settur meta mqabbel ma' dak tal-medja għal dawn l-għaxar snin, li hija ta' 10%. Għalkemm ġiet reġistrata din iż-żieda xorta waħda l-KNPD tħoss li għad mhux qed isir użu sħiħ tal-Liġi.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti niżel minn

38 għal 22 ilment filwaqt li l-perċentwal tal-ilmenti f'dan is-settur jirrappreżentaw 21% tal-ilmenti kollha li kien hemm din is-sena, li hu daqs il-medja għall-għaxar snin kollha u fl-istess livelli tal-aħħar sentejn. Dan il-perċentwal juri biċ-ċar kemm il-persuni b'diżabilità huma konxji dwar l-importanza tal-Liġi f'dan il-qasam.

- Il-qasam tal-aċċessibilità reġa' kkonferma ruħu bħala l-iktar qasam li jsiru lmenti dwaru, anke jekk din is-sena kien hemm tnaqqis sostanzjali ta' 30 ilment (minn 65 għal 35). Fil-fatt dan il-qasam jirrappreżenta 34% tal-ilmenti kollha, li jfisser tnaqqis ta' 4 punti perċentwali fuq is-sena l-oħra (38%) u 3 punti perċentwali inqas mill-medja tal-għaxar snin kollha (41%).
- Fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, in-numru ta' lmenti li investigat il-KNPD huwa daqs in-numru fil-qasam tal-edukazzjoni (22) u b'hekk dawn iż-żewġ oqsma huma t-tieni l-aktar oqsma li jsiru lmenti dwarhom. Anke jekk, kif jista' jiġi osservat f'Tabella 2, dan il-qasam irreġistra tnaqqis ta' 28 ilment, minn 50 għal 22 iilment. Il-perċentwal meta mqabbel mal-ilmenti kollha f'dan il-qasam huwa ta' 21%, li jfisser tnaqqis ta' 8% mis-sena l-oħra, u li huwa punt perċentwal anqas mill-medja tal-għaxar snin kollha (22%). Dawn iċ-ċifri juru li l-persuni b'diżabilità qed isiru aktar konxji dwar l-użu ta' din il-Liġi f'qasam daqshekk importanti.
- Bħas-snin preċedenti, in-numru ta' lmenti fil-qasam tad-djar baqa' baxx ħafna meta mqabbel mal-oqsma l-oħra. Fil-fatt in-numru ta' lmenti f'dan is-settur niżel minn 6 għal 5, liema numru jirrappreżenta 5% tal-ilmenti kollha. Din ir-rata hija 2% ogħla mill-medja għall-għaxar snin kollha (3%).
- L-istess jista' jingħad għall-qasam tal-assigurazzjoni, anke jekk ġiet reġistrata żieda ta' 2 ilmenti (minn 3 għal 5). Ir-rata ta' perċentwali tal-ilmenti li rċeviet il-KNPD f'dan il-qasam hija l-istess bħal fil-qasam tad-djar (5%), li hija l-aktar baxxa mill-oqsma kollha. Dan il-perċentwal huwa 3% ogħla mill-medja tas-snin kollha (2%) f'dan il-qasam.

F'sintonija ma' dak li ġara fis-snin preċedenti u kif tindika Tabella 2, anke din is-sena l-persuni b'diżabilità komplew jużaw din il-Liġi biex jippruvaw itejbu l-qasam tal-aċċessibilità, liema qasam baqa' l-aktar wieħed li dwaru l-persuni b'diżabilità jħossuhom diskriminati. Kif imsemmi diġa', il-persuni b'diżabilità f'Malta qed iħossuhom diskriminati wkoll fil-qasam tal-edukazzjoni u fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, li huma t-tieni l-akbar oqsma li dwarhom kien hemm ilmenti ġodda. Filwaqt li l-oqsma tal-edukazzjoni, aċċessibilità, għoti ta' oġġetti u servizzi u djar kollha kellhom tnaqqis fl-ilmenti, ġiet reġistrata żieda minima ta' 3 ilmenti fl-oqsma tax-xogħol u tal-assigurazzjoni.

**TABELLA 3: Kontra min saru l-ilmenti**

| | Gvern | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | 95 |
| 01/02 | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | 76 |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | 75 |
| 03/04 | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | 71 |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | 91 |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | 92 |
| 06/07 | 16 | 15 | 25 | 24 | 15 | 14 | 17 | 16 | 32 | 30 | 105 |
| 07/08 | 16 | 16 | 10 | 10 | 15 | 15 | 13 | 13 | 44 | 45 | 98 |
| 08/09 | 72 | 42 | 14 | 8 | 9 | 5 | 23 | 13 | 54 | 31 | 172 |
| 09/10 | 41 | 40 | 7 | 7 | 12 | 12 | 8 | 8 | 35 | 34 | 103 |
| **Total 00/10** | **289** | **34** | **138** | **14** | **106** | **11** | **126** | **13** | **268** | **27** | **978** |
| **Medja fuq 10 snin** | **34** | **35** | **14** | **14** | **11** | **11** | **13** | **13** | **27** | **28** | **98** |

| TABELLA 4: Ħidma fuq l-ilmenti 2009-2010 | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Xgħl | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total | |
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Magħluqa | 9 | 11 | 18 | 22 | 26 | 32 | 23 | 28 | 3 | 4 | 2 | 2 | 81 | 33 |
| Diskussi | 5 | 3 | 38 | 24 | 95 | 60 | 15 | 9 | 2 | 1 | 3 | 2 | 158 | 65 |
| Qorti: Kawża/ Protest | - | - | - | - | 4 | 80 | - | - | - | - | 1 | 20 | 5 | 2 |
| **Total** | **14** | **6** | **56** | **23** | **125** | **51** | **38** | **16** | **5** | **2** | **6** | **2** | **244** | **100** |

L-ilmenti li tirċievi l-KNPD isiru fil-konfront ta' diversi entitajiet, kemm dawk tal-Gvern, entitajiet parastatali, kunsilli lokali, entitajiet privati kif ukoll il-Knisja. F'Tabella 3 hemm analiżi tal-ilmenti li l-KNPD irċeviet matul dawn l-għaxar snin imqassmin skont l-entità. Kif jidher minn din it-tabella, matul dan il-perjodu kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubblici (60 ilment jew 59% tal-ilmenti kollha) milli kontra s-settur privat (43 ilment jew 42% tal-ilmenti kollha). Fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi kien hemm żieda  ta' 4 punti perċentwali (minn 55% għal 59%) filwaqt li fir-rigward tas-settur privat kien hemm tnaqqis ta' 2 punti perċentwali (minn 44% għal 42%).

## ĦIDMA 2000-2010

Tabella 4 turi x'ġara mill-244 ilment li l-KNPD ħadmet fuqhom matul din is-sena. Minn dawn, 81 ilment ingħalqu filwaqt li 163 għadhom qed jiġu diskussi. Ta' min jgħid li matul din is-sena ngħalqu żewġ kawżi li kellha l-KNPD fil-Qorti: kontra l-Banif Bank dwar aċċessibilità u kontra d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar l-għoti tal-mediċini fl-iskejjel fejn fiż-żewġ każijiet instabet soluzzjoni barra l-Qorti. Ta' min jgħid ukoll li l-KNPD għad għandha kawża oħra kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira filwaqt li għamlet erba' protesti ġudizzjarji fir-rigward ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub, Sky Club u Bank of Valletta.

Tabella 4 turi wkoll li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 33% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu. Dan il-persentaġġ ifisser tnaqqis ta' 16% tal-ilmenti konklużi li kellha l-KNPD matul

is-sena l-oħra, f'liema sena kienu ngħalqu 49% tal-ilmenti. Filwaqt li perċentwal għoli fl-ilmenti konklużi huwa xi ħaġa pożittiva u jista' jfisser effiċjenza, tindika wkoll disponibiltà aħjar tas-soċjetà in ġenerali sabiex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabilità f'Malta.

In-numru ta' lmenti li jinsabu quddiem il-Qorti billi nfetħitilhom kawża jew sarilhom protest ġudiżżjarju naqas minn 6 għal 4 ilmenti, u dan hu dovut għall-fatt li matul din is-sena ngħalqu żewġ kawżi li kien hemm fil-Qorti. Fil-fatt il-perċentwal ta' każijiet li kienu quddiem il-Qorti fl-aħħar ta' dan is-sena huwa ta' 2%, li huwa l-istess perċentwal tas-sena ta' qabel. Dawn il-figuri jikkonfermaw l-istrateġija użata mill-KNPD li tirrikorri biss għall-Qorti jew l-arbitraġġ jekk tkun għamlet minn kollox sabiex tinnegozja, toffri medjazzjoni u anke tipperswadi. Il-Qorti jew l-arbitraġġ jintużaw biss f'każijiet fejn dawn l-istrateġiji ma jwasslux għal soluzzjonijiet li tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Tabella 4 toffri wkoll analiżi tal-ilmenti li l-KNPD ħadmet fuqhom matul din is-sena, skont it-tip ta' lment. Fil-fatt l-ikbar numru ta' lmenti magħluqa huma relatati mal-aċċessibilità (26 ilment jew 32% tal-ilmenti li kkonkludiet). It-tieni l-ikbar numru ta' lmenti magħluqa huma relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (23 ilment jew 28% tal-ilmenti li kkonkludiet). Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-KNPD irnexxielha tikkonkludi 18-il ilment (jew 22% tal-ilmenti magħluqa) filwaqt li fil-qasam tax-xogħol, il-KNPD kkonkludiet 9 lmenti (jew 11% tal-ilmenti magħluqa). Il-KNPD ikkonkludiet ukoll 3 ilmenti fl-oqsma tad-djar u 3 ilmenti oħra fl-assigurazzjoni, li jfisser 4% u 2% tal-ilmenti magħluqa għal kull qasam rispettivament.

Fir-rigward tal-ilmenti li fl-aħħar ta' dan il-perjodu baqgħu miftuħin u li trid issir aktar ħidma dwarhom, il-maġġoranza tagħhom (95 ilment jew 60% tal-ilmenti kollha miftuħin) huma relatati mal-aċċessibilità. Erbgħa minn dawn il-każijiet li għadhom miftuħin, u li huma relatati mal-aċċessibilità, spiċċaw quddiem il-Qorti billi jew infetħet kawża jew inkella ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. It-tieni l-akbar numru ta' lmenti li għadhom qed jiġu diskussi huwa dak relatat mal-edukazzjoni (38 ilment jew 24% tal-ilmenti

miftuħin) filwaqt li t-tielet l-akbar numru huwa dak relatat mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (15-il ilment jew 9% tal-ilmenti miftuħin). Fir-rigward tax-xogħol hemm 5 ilmenti miftuħin (jew 3% tal-ilmenti), fil-qasam tal-assigurazzjoni hemm 3 ilmenti miftuħin (jew 2% tal-ilmenti) filwaqt li fil-qasam tad-djar hemm 2 ilmenti miftuħin (jew 1% tal-ilmenti).

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

F'Tabella 5 jidhru l-ilmenti li rċeviet il-KNPD minn Ottubru 2009 sa Settembru 2010 kontra entitajiet differenti f'kull qasam. Minn din it-tabella jista' jiġi nnutat li:

- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tax-xogħol (50%), mal-edukazzjoni (68%) u mad-djar (60%) saru fil-konfront tal-Gvern.
- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-aċċessibilità saru fil-konfront tal-kunsilli lokali u s-settur privat (34%).
- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-għoti ta' oġġetti u s-servizzi saru fil-konfront tas-settur privat (45%).
- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-assigurazzjoni saru fil-konfront tas-settur privat (100%).

L-akbar ċaqlieq tal-ilmenti ġie reġistrat fil-Gvern waħdu fejn kien hemm tnaqqis ta' 31 ilment mis-sena l-oħra (jew tnaqqis ta' 2%). Filwaqt li t-tieni l-akbar ċaqlieq ġie reġistrat fis-settur privat fejn kien hemm tnaqqis ta' 19-il ilment mis-sena l-oħra (jew żieda ta' 3%). It-tielet l-akbar ċaqlieq kien fil-

**Tabella 5:** **Ilmenti fil-konfront ta' entitajiet u oqsma differenti**

| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| Xogħol | 7 | 50 | 2 | 14 | - | - | - | - | 5 | 36 | 14 |
| Eduk | 15 | 68 | - | - | - | - | 6 | 27 | 1 | 5 | 22 |
| Aċċ | 7 | 20 | 3 | 9 | 12 | 34 | 1 | 3 | 12 | 34 | 35 |
| Servizzi | 9 | 41 | 2 | 9 | - | - | 1 | 5 | 10 | 45 | 22 |
| Djar | 3 | 60 | - | - | - | - | - | - | 2 | 40 | 5 |
| Assig | - | - | - | - | - | - | - | - | 5 | 100 | 5 |
| **Total** | **41** | **40** | **7** | **6** | **12** | **12** | **8** | **8** | **35** | **33** | **103** |

**TABELLA 6: X'sar mill-ilmenti skond l-entitajiet**

| | Mgħl | | Disk | | Qorti | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Gvern | 35 | 60 | 22 | 37 | 1 | 1 | 58 | 23 |
| Para | 4 | 21 | 15 | 78 | - | - | 19 | 7 |
| KL | 7 | 38 | 11 | 61 | - | - | 18 | 7 |
| Kns | 8 | 15 | 44 | 84 | - | - | 52 | 21 |
| Priv | 27 | 28 | 66 | 68 | 4 | 4 | 97 | 39 |
| **Total** | **82** | **33** | **158** | **64** | **4** | **1** | **244** | **100** |

konfront tal-Knisja fejn kien hemm tnaqqis ta' 15-il ilment mis-sena l-oħra (jew tnaqqis ta' 5%) filwaqt li r-raba' l-akbar ċaqlieq kien fil-konfront ta' entitajiet parastatali fejn kien hemm tnaqqis ta' 7 ilmenti (jew tnaqqis ta' punt perċentwali). Fl-aħħarnett ta' min isemmi li l-ilmenti fil-konfront tal-Kunsilli Lokali żdiedu bi 3 (minn 9 għal 12-il ilment jew żieda ta' 7% mis-sena l-oħra). Kif jidher f'rapporti oħrajn ta' din il-Liġi fi snin preċedenti, dawn iċ-ċifri jindikaw li bħal donnu l-persuni b'diżabilità f'pajjiżna jħossuhom aktar kunfidenti li jagħmlu lmenti kontra l-Gvern milli kontra s-settur privat.

Tabella 6 toffri analiżi dwar il-244 ilment li ġew investigati mill-KNPD matul din is-sena skont l-entitajiet li kontrihom saru l-ilmenti u x'kien ir-riżultat ta' din il-ħidma.

Din it-tabella turi li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 33% tal-ilmenti li kellha matul din is-sena li jfisser tnaqqis ta' 16% fuq is-sena l-oħra. L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (60% tal-każijiet), filwaqt li t-tieni u t-tielet l-akbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-kunsilli lokali (38% tal-każijiet) u tas-settur privat (28%). L-ilmenti magħluqa fil-konfront ta' entitajiet parastatali kienu ta' 21% filwaqt li r-rata tal-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienet ta' 15%. Ta' min wieħed igħid li dan jinkludi l-ilmenti kollha li hemm rigward aċċessibilità fil-knejjes parrokkjali fejn gradwalment qed jiġi reġistrat progress.

## IL-QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Fl-aħħar ta' dan il-perjodu l-KNPD kellha każ wieħed li kien quddiem il-Qorti fejn tkompliet tinstema' l-kawża kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gzira peress li dan joffri s-servizzi tiegħu mit-tieni sular u m'hemmx lift.

Il-KNPD irnexxielha tagħlaq il-każ li kellha l-Qorti dwar l-amministrazzjoni tal-medicini lill-istudenti b'diżabilità waqt il-ħin tal-iskola. Dan għaliex wara taħditiet li l-KNPD kellha mal-Ministeru tal-Edukazzjoni barra l-Qorti, instabet soluzzjoni billi l-Ministeru informa lill-KNPD li minn Settembru 2009 kien għamel ftehim biex jixtri dan is-servizz mingħand l-MMDNA. U b'hekk *nurses* tal-MMDNA qed jintbagħtu fl-iskejjel biex jagħtu l-medicina li jeħtieġu l-istudenti.

Każ ieħor li ngħalaq kien dak kontra l-Bank Banif, fejn ġie ffirmat ftehim rigward aċċessibilità fiżika fil-fergħat ta' dan il-bank u opportunitajiet indaqs fix-xogħol tal-Bank.

Il-KNPD kellha wkoll 4 każijiet oħra fejn ġie ppreżentat protest ġudizzjarju: 3 matul is-sena l-oħra u 1 din is-sena. Tlieta minn dawn huma relatati mal-aċċessibilità fiżika u saru fil-konfront tas-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club. Filwaqt li l-każ l-ieħor huwa relatat mal-assigurazzjoni u sar fil-konfront tal-Bank of Valletta.

## BORD DWAR L-EŻAMI TA' X'INHU RAĠONEVOLI

Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tobbliga lill-KNPD li tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni, tinvestigahom, toffri medjazzjoni biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtiega, tressaq il-każ tagħha quddiem l-Arbitraġġ jew il-Qorti. Obbligu ieħor li għandha l-KNPD huwa li tagħti pariri dwar it-tħaddim u l-infurzar ta' din il-Liġi kemm lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom imma wkoll lill-bqija tas-soċjetà, li għandhom xi obbligi skont din il-Liġi.

Il-KNPD trid twettaq din il-ħidma fil-parametri ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Għaldaqstant il-KNPD għandha bord li jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli f'każijiet partikulari. Dan il-bord jitmexxa mis-Sur Joseph M Camilleri, Ċermen tal-KNPD. Il-membri l-oħra ta' dan il-bord huma: is-Sna Marianne Debono, maniġer

tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fil-KNPD, is-Sur John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), is-Sur Joseph B Camilleri (mis-settur pubbliku), is-Sna Anne McKenna (mis-settur privat) u l-Perit Dr Joseph Spiteri (konsulent tekniku). Is-Sna Marie Portelli (li hi *draughtsperson* tal-KNPD) hi s-segretarja ta' dan il-bord.

Il-maġġoranza assoluta tal-każijiet li jitressqu lil dan il-bord ikunu kontestazzjoni tal-pożizzjoni li tkun ħadet il-KNPD meta tivvettja applikazzjonijiet għall-iżvilupp li jsiru lill-MEPA. Ta' min jgħid ukoll li ħafna mill-każijiet imressqa jiġu negozjati flimkien mal-applikanti u għalhekk ħafna mid-deċiżjonijiet meħuda mill-bord ikunu aċċettati bħala raġonevoli imma b'ċertu kundizzjonijiet. F'ħafna mill-każijiet ukoll, il-bord jitlob għal aktar informazzjoni biex ikun jista' jasal għal deċiżjoni. F'Tabella 7 wieħed jista' jara l-ħidma ta' dan il-bord f'dawn l-aħħar seba' snin. Fil-fatt matul din is-sena kien hemm żieda ta' 9 każijiet li ra l-bord mill-aħħar sena (minn 73 għal 82 każ) fejn 32 minn dawn (jew 39%) ġew aċċettati bħala li huma raġonevoli b'ċertu kundizzjonijiet. Min-naħa l-oħra 26 każ (jew 32%) ma ġewx aċċettati filwaqt li kien hemm 24 każ (jew 29%) fejn intalbet aktar informazzjoni.

Ta' min jgħid ukoll li n-numru ta' każijiet li tressqu lil dan il-bord matul din is-sena (82 każ) kien l-ogħla wieħed li qatt ra l-bord kemm ilu mwaqqaf, liema numru huwa ferm ogħla mill-medja għas-seba' snin li ilu jiffunzjona dan il-bord (58). Din iż-żieda qawwija tkompli tindika l-ħidma kbira li qed tagħmel il-KNPD f'dan ir-rigward. Minn Tabella 7, wieħed jista' josserva wkoll li wara tant snin fejn in-numru ta' każijiet li ma ġewx aċċettati mill-bord kien ikun ikbar min-numru ta' dawk li ġew aċċettati, matul din is-sena kellna maġġoranza tal-każijiet (39%) li ġew aċċettati. Din tista' titqies bħala xi ħaġa pożittiva ħafna.

## KONSULTAZZJONI

Kif għamlet fis-snin preċedenti, il-KNPD kompliet tagħti importanza qawwija lill-aspett edukattiv ta' din il-Liġi u fil-fatt matul din is-sena kompliet bl-impenn tagħha sabiex toffri servizz ta' konsulenza dwar din il-Liġi kemm lil dawk li jaħdmu b'mod dirett f'dan il-qasam (persuni b'diżabilità nfushom, il-familjari

**TABELLA 7: Bord dwar l-eżami ta' x'inhu raġonevoli**

| | 03/04 | | 04/05 | | 05/06 | | 06/07 | | 07/08 | | 08/09 | | 09/10 | | Total 03/10 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | % | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Każijiet diskussi | 51 | | 71 | | 59 | | 29 | | 39 | | 73 | | 82 | | 404 | |
| Raġonevoli b'kundizzjo-nijiet | 30 | 59 | 27 | 38 | 15 | 25 | 11 | 38 | 15 | 38 | 27 | 37 | 32 | 39 | 157 | 39 |
| Mhux raġonevoli | 21 | 41 | 44 | 62 | 44 | 75 | 18 | 62 | 24 | 62 | 29 | 40 | 26 | 32 | 206 | 51 |
| Iktar informazzjoni mitluba | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 16 | 22 | 24 | 29 | 40 | 10 |
| Riferuti għall-bord tal-KNPD | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | 1 | 1 | - | - | 1 | 0 |

tagħhom, u anke organizzazzjonijiet u professjonisti), kif ukoll dawk il-persuni jew entitajiet li għandhom xi obbligi b'din il-Liġi (bħal ma huma min iħaddem dawk li joffru servizzi, entitajiet edukattivi u l-bqija). In-numru ta' konsultazzjonijiet li kellha l-KNPD f'dan ir-rigward kompla jkun wieħed qawwi.

## KONKLUŻJONI

Kif għamlet s'issa, il-KNPD se tkompli timpenja ruħha sabiex tiżgura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tibqa' tiġi mħarsa sewwa u b'dan il-mod persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom ikollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli. Dan l-impenn tal-KNPD ikompli jissaħħaħ ħafna aktar meta Malta, kif inhi impenjata li tagħmel, tirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Protokoll Mhux Obbligatorju li hemm ma' din il-Konvenzjoni, speċjalment issa li din ġiet ratifikata mill-Unjoni Ewropea. Għalhekk filwaqt li għas-

sena d-dieħla l-KNPD trid tkompli bil-ħidma tagħha sabiex titħares il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, trid tkompli taħdem ukoll sabiex pajjiżna jirratifika fl-iqsar żmien possibbli din il-Konvenzjoni (u l-Protokoll) u sussegwentement tara wkoll li din il-Konvenzjoni qed tiġi implimentata bis-sħiħ fil-prattika.

**Anne-Marie Callus**
*Direttur Ezekuttiv*

**Marianne Debono**
*Koordinatur- Taqsima LOI*

**Elvin Sciberras**
*Assistant Manager – Taqsima LOI*

# LISTA TA' LMENTI KOLLHA

Dawn l-ilmenti hemm dettalji dwarhom f'paġni 11 sa 28

## XOGĦOL - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| L-ilmenti mis-snin ta' qabel ingħalqu kollha qabel Ottubru 2009 | | | | | |

## XOGĦOL - ILMENTI GODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Talba biex jaħdem b'sigħat imnaqqsa | Magħluq | Gvern | Ministeru tal-Gustizzja | Ottubru 2009 |
| 2 | Tpoġġiet fi scale iktar baxx minħabba d-diżabilità tagħha u mingħajr prospetti ta' promozzjoni | Diskuss | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2009 |
| 3 | Titlob li fl-ingaġġ ta' *Supply LSA* jkun hemm klawsola li tgħid li dawn jistgħu ma jqandlux persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Direttorat għal Servizzi Edukattivi | Lulju 2010 |
| 4 | Akkomodazzjoni biex persuna b'diżabilità tibqa' tgħallem | Diskuss | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Settembru 2010 |
| 5 | Akkomodazzjoni għall-impjieg | Magħluq | Privat | Privat | Lulju 2010 |
| 6 | Talba biex jipparkja f'parkeġġ riservat tal-pubbliku u mhux tal-ħaddiema | Magħluq | Privat | MIA | Novembru 2009 |
| 7 | Transfer diskriminatorju | Diskuss | Privat | GO | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Ksur ta' permess maħruġ minn Transport Malta | Magħluq | Parastatali | TM | Diċembru 2009 |
| *9 | *Car Park attendants* li jaħdmu fl-istess *car park* fejn jaħdem hu qed iqabbdu nies oħrajn jaħdmu minn flokhom meta suppost iqabbdu lilu | Diskuss | Parastatali | TM | Jannar 2010 |
| 10 | Telf tal-impjieg wara li weġġa' fuq ix-xogħol | Magħluq | Privat | Privat | Mejju 2010 |
| 11 | Tistaqsi għaliex għandha tagħmel l-eżamijiet biex tidħol bħala skrivana mal-Gvern jekk hi għandha *Ordinary Levels* fil-Malti u fl-Ingliż | Magħluq | Gvern | OPM | Lulju 2010 |
| *12 | Tilfet ix-xogħol b'mod inġust peress li ma qalulhiex x'inhuma l-kundizzjonijiet tax-xogħol (jiġifieri li kienet sostituta ta' persuna li kienet fuq *maternity leave*) | Magħluq | Privat | Privat | Lulju 2010 |
| 13 | Trattament ħażin wara transfer | Diskuss | Gvern | Divizjoni tas-Saħħa | Awwissu 2010 |
| 14 | Bżonn ta' flessibilità fil-ħin tax-xogħol | Magħluq | Gvern | ST Electronics | Settembru 2010 |

**EDUKAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL**

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *15 | Nuqqas ta' għoti ta' mediċini fl-iskejjel | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2003 |
| *16 | Studenta b'diżabilità tintbagħat id-dar meta l-LSA tkun assenti | Magħluq | Knisja | Skola tal-Knisja | Awwissu 2006 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *17 | Skejjel ta' Għawdex | Diskuss | Gvern | Ministeru ta' Għawdex | Novembru 2006 |
| 18 | Aċċess għall-palk | Diskuss | Gvern | FTS | Diċembru 2006 |
| *19 | Aċċessibilità fi skejjel tal-kompjuter (ara Tabella A) | Diskuss | Privat | Skejjel tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| *20 | Aċċessibilità fil-Junior College | Diskuss | Parastatali | Università ta' Malta | Ottubru 2008 |

## EDUKAZZJONI - ILMENTI GODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ma jistax jibqa' għall-attivitajiet wara l-ħin tal-iskola bħall-istudenti l-oħra għax m'hemmx *LSA* | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Novembru 2009 |
| 22 | Aċċess fiżiku fil-Kulleġġ | Magħluq | Privat | St Martin's College | Novembru 2009 |
| 23 | Nuqqas ta' *helper* | Magħluq | Gvern | Skola San Miguel | Novembru 2009 |
| 24 | Talba għall-akkomodazzjoni raġonevoli fil-kors ta' Diploma in Food Preparation & Service tal-ITS | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2009 |
| 25 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni li tinħtieġ fl-istudji | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni (enlarged graph) li tinħtieġ għall-eżami tal-MATSEC | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2010 |
| 27 | Diffikultajiet fl-akkomodazzjoni meħtieġa fl-iskola | Diskuss | Gvern | Skola Helen Keller | Mejju 2010 |
| 28 | Arranġamenti inkonsistenti waqt l-eżamijiet tal-MATSEC | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Mejju 2010 |
| 29 | Akkomodazzjoni provduta fil-Kulleġġ San Benedittu | Diskuss | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Ġunju 2010 |
| 30 | Akkomodazzjoni ta' ħin itwal waqt l-eżami tal-ECDL | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Lulju 2010 |
| 31 | Trasport aċċessibbli għall-iskola | Magħluq | Knisja | Seminarju ta' Malta | Settembru 2010 |
| 32 | Trasport aċċessibbli għall-iskola | Diskuss | Knisja | Skola St Joseph | Ġunju 2010 |
| 33 | Student li għandu Down syndrome ma jitħalliex jitla' żewġ sulari taraġ mat-tfal tal-klassi tiegħu jekk mhux fil-preżenza tal-*LSA* | Diskuss | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2010 |
| 34 | L-*LSA* ma titħalliex takkumpanja lil tifel għall-i*speech therapy* | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2010 |
| 35 | Student b'awtiżmu ilu xahar ma jmur skola minħabba diffikultajiet mal-*LSA* | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2010 |
| 36 | *Bullying* fuq persuna b'diżabilità fil-klassi tagħha | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Telgħet għal skola tal-Knisja iżda xorta waħda ġiet irrifjutata milli tattendi | Diskuss | Knisja | Knisja ta' Malta | April 2010 |
| 38 | L-għażla ta' studenti b'diżabilità għall-Form 1 fl-iskejjel tal-Knisja | Magħluq | Knisja | Knisja ta' Malta | Awwissu 2010 |
| 39 | Klabb Sajf miftuħ biss għal min jieħu l-*complementary classes* waqt is-sena skolastika | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Mejju 2010 |
| 40 | Tfal li għandhom bżonn *LSA* m'humiex aċċettati għal Skola Sajf | Magħluq | Knisja | Parroċċa Marsascala | Ġunju 2010 |
| 41 | Servizzi offruti fis-sajf għal studenti b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Divizjoni tal-Edukazzjoni | Ġunju 2010 |
| 42 | Il-proċedura dwar kif jintgħażlu studenti b'diżabilità | Magħluq | Knisja | Knisja | Ġunju 2010 |

## AĊĊESSIBILITA' - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Settur | Status | Settur' | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Aċċessibilità fl-entratura prinċipali ta' Evans Building | Diskuss | Gvern | Div tas-Saħħa | Novembru 2000 |
| *44 | Aċċessibilità fl-Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurtà Soċjali | Diskuss | Gvern | Dip tas-Sigurtà Soċjali | Novembru 2005 |
| *45 | Aċċessibilità għar-Reġistru Pubbliku għall-uffiċċju | Diskuss | Gvern | Reġistru Pubbliku | Lulju 2006 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *46 | Aċċessibilità fil-House of Catalunya, il-Belt Valletta | Magħluq | Gvern | Government Property Division | Ottubru 2008 |
| *47 | Nuqqas ta' lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa, Gżira | Qorti/ Kawża | Gvern | Div tas-Saħħa | Lulju 2001 |
| *48 | Aċċessibilità għall-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa | Diskuss | Gvern | Divizjoni tas-Saħħa | Awwissu 2006 |
| *49 | Aċċess fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Għawdex (ara Tabella B) | Diskuss | Knisja | Djocesi ta' Għawdex | Awwissu 2002 |
| *50 | Aċċess fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Malta (ara Tabella C) | Diskuss | Knisja | Knisja ta' Malta | Ottubru 2004 |
| 51 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Knisja | Istitut Kattoliku | Novembru 2007 |
| 52 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda San Gwann | Marzu 2003 |
| 53 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda Sant'Antnin B'Kara | Awwissu 2003 |
| 54 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bini tal-Kunsill | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mġarr | Marzu 2004 |
| *55 | Nuqqas ta' tojlit aċċessibbli | Diskuss | Privat | Valletta Waterfront | Awwissu 2004 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *56 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Aula Magna | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2005 |
| 57 | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-teatru | Diskuss | Privat | Empire Cinema | Marzu 2006 |
| 58 | Arranġamenti għas-swali taċ-Ċinema u aċċessibilità fl-Eden Superbowl | Diskuss | Privat | Eden Leisure Group | Marzu 2009 |
| *59 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq tas-Sgħajtar, in-Naxxar | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Marzu 2006 |
| 60 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq l-Aħwa Galea, il-Mosta | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mosta | Marzu 2006 |
| *61 | Aċċessibilità għas-sala | Qorti/ Protest | Privat | Sala Sant'Anna | Lulju 2006 |
| 62 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Gvern | Belvedere Mdina | Ottubru 2006 |
| 63 | Aċċess għall-bajja ta' Buġibba | Diskuss | Gvern | Min tat-Turizmu | Ġunju 2007 |
| 64 | Nuqqas ta' aċċess għall-esibizzjonijiet ta' Heritage Malta | Magħluq | Gvern | Heritage Malta | Awwissu 2007 |
| 65 | Parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità huwa bil-ħin | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Żejtun | Ġunju 2008 |
| *66 | Aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Magħluq | Privat | Banif Bank | Jannar 2008 |
| *67 | Aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Knisja | APS Bank | April 2008 |
| *68 | Aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Privat | Lombard Bank | April 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Aċċess fiżiku fil-ħwienet tal-McDonald's | Diskuss | Privat | McDonald's | Ġunju 2008 |
| 70 | Aċċess fiżiku fil-ħwienet tal-Food Chain Holdings Ltd | Diskuss | Privat | Food Chain Holdings | Ġunju 2008 |
| *71 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Excelsior | Lulju 2008 |
| *72 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Dolmen | April 2009 |
| 73 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda u l-madwar | Diskuss | Privat | Lukanda Hilton | Settembru 2005 |
| *74 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Le Meridien | Lulju 2009 |
| 75 | Nuqqas ta' aċċess għax-*showroom* il-ġdida | Diskuss | Privat | Joinwell | Novembru 2008 |
| 76 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* | Diskuss | Privat | Diamonds International, Portomaso | Diċembru 2008 |
| 77 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Euro Pharma l-ġdid | Diskuss | Privat | Michele Peresso Ltd | Marzu 2009 |
| 78 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | China House Restaurant | Diċembru 2008 |
| 79 | Aċċessibilità għar-ristorant | Diskuss | Privat | China Town Cuisine | Settembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 80 | Aċċess fiżiku | Diskuss | Privat | Penang Restaurant | Ġunju 2009 |
| 81 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Privat | Ta' Pawlu Restaurant | Novembru 2007 |
| *82 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Qorti/ Protest | Privat | Huggins Pub | Jannar 2007 |
| 83 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Privat | Għall-Kafe' | Jannar 2007 |
| *84 | Aċċessibilità għad-diskoteka | Qorti/ Protest | Privat | Sky Club | Lulju 2009 |
| *85 | Tojlit aċċessibbli | Magħluq | Gvern | St James Cavalier | Jannar 2009 |
| *86 | Nuqqas ta' rampa fil-bankina | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | April 2009 |
| *87 | Bankina ġdida fi Triq il-Knisja, Xagħra | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Ottubru 2008 |
| *88 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Lulju 2005 |
| 89 | Aċċessibilità ta' bankini | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Floriana | Settembru 2009 |
| *90 | *Zebra crossings* mingħajr rampi | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | April 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Rampi mblukkati bil-karozzi | Diskuss | Gvern | Kumm tal-Pulizija | April 2009 |
| 92 | Bankina mblukkata | Magħluq | Privat | Sa Maison Bar | Awwissu 2009 |
| 93 | Aċċess fiżiku fil-ħwienet ta' Marks & Spencer | Diskuss | Privat | Marks & Spencer | Mejju 2009 |
| 94 | Parkeġġ riservat | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Pietà | Lulju 2009 |
| 95 | Parkeġġ riservat | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Lulju 2009 |
| 96 | Parkeġġ riservat waqt il-festa | Diskuss | Gvern | Kumm tal-Pulizija | Lulju 2009 |

## AĊĊESSIBILITA' – ILMENTI GODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 97 | Ostaklu fuq bankina f'Birkirkara ilu aktar minn xahar | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali B'kara | Jannar 2010 |
| 98 | Talba għall-permess biex jagħmel rampa fuq bankina | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Dingli | Ottubru 2009 |
| 99 | Bankina mhux aċċessibbli | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Attard | Frar 2010 |
| 100 | Aċċessibilità f'Cart Street | Magħluq | Kunsilli | Kunsilli Lokali Valletta | Mejju 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Talba biex titranġa rampa mkissra fi Triq Miggiani | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Hamrun | Novembru 2009 |
| 102 | Aċċessibilità għall-uffiċċji pubbliċi | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Msida | Novembru 2009 |
| 103 | Tojlit aċċessibbli ma jintużax | Diskuss | Privat | Heat Bar | Diċembru 2009 |
| 104 | Tojlit aċċessibbli ma jintużax | Diskuss | Privat | Hard Rock | Diċembru 2009 |
| 105 | Tojlit aċċessibbli ma jintużax | Magħluq | Privat | Browns | Diċembru 2009 |
| 106 | Armar tal-festi jitwaħħal f'parkeġġi riservati tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Knisja | Knisja ta' Malta | Novembru 2009 |
| 107 | Użu tal-parkeġġ riservat | Magħluq | Privat | LIDL | Frar 2010 |
| 108 | Użu ħażin tal-parkeġġ riservat u tojlit aċċessibbli | Magħluq | Privat | Pavi Supermarket | April 2010 |
| 109 | Nuqqas ta' parkeġġi riservati | Magħluq | Privat | Lukanda Fortina | April 2010 |
| 110 | Parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità jiġi ostakolat minn *kiosk* | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Paola | Lulju 2010 |
| 111 | *Parking sign* quddiem il-bieb joħloq ostaklu biex persuna li tuża l-wheelchair tidħol id-dar | Magħluq | Parastatali | Transport Malta | Settembru 2010 |
| 112 | It-triq u r-rampa fi Triq Santa Rita fir-Rabat jiġu ostakolati minn umbrelel, siġġijiet u mwejjed. | Diskuss | Gvern | Kummissarju tat-Tfal | Mejju 2010 |
| 113 | CVA parking u użu ħażin tal-Blue Badge | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Valletta | Jannar 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 114 | Ilment dwar ir-rati ta' ħlas tas-CVA | Magħluq | Parastatali | Transport Malta | April 2010 |
| 115 | Aċċessibilità fil-Fun Park, Ta' Qali | Magħluq | Gvern | Ministeru għar-Rizorsi u Infrastruttura | Jannar 2010 |
| 116 | Nuqqas ta' aċċessibilità u akkomodazzjoni meħtieġa | Magħluq | Privat | Marsa Racing Club | Jannar 2010 |
| 117 | Aċċessibilità fil-Belvedere ta' Għajnsielem | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Għajnsielem | April 2010 |
| 118 | Aċċessibilità fix-showroom ġdida | Diskuss | Privat | Forestals | Marzu 2010 |
| 119 | Aċċessibilità fir-ristorant | Magħluq | Privat | Lo Squero Restaurant | April 2010 |
| 120 | Aċċessibilità fit-Tourist Information Office fil-Valletta Waterfront | Magħluq | Gvern | Awtorità Maltija tat-Turizmu | Mejju 2010 |
| 121 | Telgħa ġdida f'Tignè Point hija wieqfa wisq | Diskuss | Privat | Privat | Ġunju 2010 |
| 122 | Aċċessibilità fi snack bar fin-Naxxar | Diskuss | Privat | Privat | Ġunju 2010 |
| 123 | Aċċessibilità fi ħwienet f'Ħaż-Żabbar | Magħluq | Gvern | MEPA | Awwissu 2010 |
| 124 | Aċċessibilità f'tojlits pubbliċi | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mellieħa | Mejju 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Aċċessibilità u periklu f'Xatt il-Pwales | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar | Mejju 2010 |
| 126 | Aċċessibilità fil-Bajja tal-Mellieħa | Diskuss | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turizmu | Ġunju 2010 |
| *127 | Aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u Pixxina Nazzjonali | Diskuss | Parastatali | Kunsill Malti għall-Isport | Ġunju 2010 |
| 128 | L-Għassa tal-Puluzija ta' Wied il-Għajn mhiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilità minħabba taraġ għoli ħafna | Diskuss | Gvern | Kumm tal-Pulizija | Awwissu 2010 |
| 129 | Aċċessibilità tal-lift | Magħluq | Privat | Hunter's Palace | Awwissu 2010 |
| 130 | Aċċessibilità fil-Belt Valletta | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Valletta | Awwissu 2010 |
| 131 | Aċċessibilità f'Għawdex | Magħluq | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turizmu | Lulju 2010 |

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI – ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Aċċessibilità fil-websajt | Diskuss | Privat | Bank of Valletta | Marzu 2005 |
| *133 | Aċċessibilità fil-websajt | Magħluq | Privat | Melita | Marzu 2005 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *134 | Aċċessibilità fil-websajt | Magħluq | Knisja | Djocesi ta' Għawdex | Awwissu 2006 |
| 135 | Aċċessibilità fil-websajt | Diskuss | Knisja | Knisja ta' Malta | Jannar 2006 |
| 136 | Aċċessibilità fil-websajt | Diskuss | Knisja | APS Bank | April 2008 |
| *137 | Aċċessibilità fil-websajt | Magħluq | Privat | Yellow Pages | Ġunju 2008 |
| 138 | Aċċessibilità fil-websajt | Diskuss | Parastatali | GO | Lulju 2009 |
| 139 | Aċċessibilità fil-websajt | Diskuss | Parastatali | Lombard Bank | Settembru 2009 |
| *140 | Bdil fit-timetable tal-karozzi tal-linja | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Jannar 2007 |
| *141 | Aċċessibilità għall-Valletta Park & Ride | Diskuss | Parastatali | Transport Malta | Frar 2007 |
| *142 | Aċċessibilità għall-programm Xarabank | Magħluq | Privat | Where's Everybody? | April 2007 |
| *143 | Nuqqas ta' sottotitoli fil-programmi | Diskuss | Parastatali | GO | April 2009 |
| 144 | Permess biex tidħol bil-vettura ħdejn l-iskola | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali B'kara | Novembru 2008 |
| 145 | Informazzjoni ċara dwar servizzi aċċessibbli | Magħluq | Privat | Gozo Channel | Frar 2009 |
| 146 | Aċċessibilità fl-applikażżjonijiet għall-fondi mill-ERDF u ESF | Magħluq | Gvern | Segretarju Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika | Ġunju 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *147 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | RACA | Ġunju 2006 |

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI - ILMENTI GODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *148 | Aċċessibilità għall-websajt tan-Notte Bianca | Magħluq | Gvern | Malta Council for Culture & the Arts | Awwissu 2010 |
| *149 | Aċċessibilità għall-websajt tal-Knisja ta' Malta | Magħluq | Knisja | Djocesi ta' Malta | Ġunju 2010 |
| 150 | Twaqqaf is-servizz tal-*Home Help* | Magħluq | Gvern | Dipartiment għall-Anzjani | Novembru 2009 |
| 151 | Twaqqfet il-pensjoni minħabba korriment fuq il-post tax-xogħol fl-età ta' 61 sena | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Diċembru 2009 |
| 152 | Persuna li kienet tieħu l-*allowance* tat-tfal b'diżabilità m'għandhiex dritt għall-pensjoni tad-diżabilità | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Diċembru 2009 |
| 153 | Ilment li wara 5 snin li tiżżewweġ persuna b'diżabilità ma tibqax tieħu l-pensjoni jekk il-mara tkun taħdem | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | April 2010 |
| 154 | Għalkemm flimkien ma jilħaqx il-paga minima, twaqqaflu s-*sickness benefit* għax sab xogħol *part time* | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Marzu 2010 |
| 155 | Ilment dwar qlib tal-pensjoni fuq il-persuna b'diżabilità intellettwali | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | April 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *156 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | Merlin | Diċembru 2009 |
| *157 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | John's Group | Diċembru 2009 |
| *158 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | Thrifty | Diċembru 2009 |
| *159 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Magħluq | Privat | Garden of Eden | Diċembru 2009 |
| *160 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Magħluq | Privat | Paramount | Diċembru 2009 |
| *161 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Magħluq | Privat | Wembley | Diċembru 2009 |
| 162 | Kiri ta' van aċċessibbli għal siġġu tar-roti | Magħluq | Privat | Privat | Marzu 2010 |
| 163 | Proviżjoni ta' *taxis* aċċessibbli għal kulħadd | Magħluq | Privat | RACA | Lulju 2010 |
| 164 | Kont għoli u mingħajr irċevuti mill-amministratur tal-kondominju | Magħluq | Privat | Privat | Marzu 2010 |
| 165 | Trattament ħażin fl-*Outpatients* fl-iSptar Mater Dei | Diskuss | Gvern | Sptar Mater Dei | April 2010 |
| 166 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni addattata | Diskuss | Parastatali | Airmalta | April 2010 |
| 167 | Rifjutati *withdrawals* mill-kont tal-Bank fuq isimha minn persuna li għandha nuqqas intellettwali | Magħluq | Privat | HSBC | Ġunju 2010 |
| 168 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni addattata fuq l-ajruplan | Magħluq | Parastatali | Airmalta | April 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| 169 | Ilment rigward l-eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq | Magħluq | Gvern | Ministeru tal-Finanzi | Ġunju 2010 |

**ASSIGURAZZJONI – ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL**

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| *170 | Assigurazzjoni ta' persuna b'diżabilità | Qorti | Privat | Middlesea Insurance u BOV | Frar 2007 |

**ASSIGURAZZJONI – ILMENTI GODDA**

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| 171 | Talba għall-assigurazzjoni minħabba self fuq id-dar | Magħluq | Privat | Middlesea Insurance | Diċembru 2009 |
| 172 | Nuqqas ta' provediment ta' van li jieħu siġġu tar-roti wieħed waqt li l-van personali kien għat-tiswija wara ħabta | Magħluq | Privat | Gasan Insurance | Marzu 2010 |
| *173 | L-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar hija diskriminatorja | Diskuss | Privat | Cordina Insurance Agency | Mejju 2010 |
| *174 | Il-kundizzjonijiet tal-*booking* u l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar huma diskriminatorji | Diskuss | Privat | Britannia Services Ltd | Ġunju 2010 |
| *175 | Talba għal kumpens għax intilfet btala | Diskuss | Privat | ROCS Insurance | Settembru 2010 |

## DJAR – ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| L-ilmenti mis-snin ta' qabel ingħalqu kollha qabel Ottubru 2009 | | | | | |

## DJAR – ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|
| *176 | Appartamenti mhux aċċessibbli minħabba rampa perikoluża | Magħluq | Awtorità tad-Djar | Marzu 2010 |
| *177 | Il-ġirien ta' persuna b'diżabiltà ma jaqblux li ssir rampa fil-parapett tal-komun | Diskuss | Privat | Ġunju 2010 |
| 178 | Ħtieġa li jinbidel appartament minħabba d-diżabilità | Magħluq | Awtorità tad-Djar | Ġunju 2010 |
| 179 | Allokazzjoni ta' djar li m'humiex skont il-ħtieġa tal-persuna b'diżabilità | Magħluq | Awtorità tad-Djar | Lulju 2010 |
| 180 | *Upgraded* lift mhux aċċessibbli | Diskuss | Privat | Awwissu 2010 |

# TABELLA A

## 19. SKEJJEL TAL-KOMPJUTER

| | |
|---|---|
| 1 | Compex Computer |
| 2 | Computer Domain |
| 3 | Electronic Products |
| 4 | Execu Train |
| 5 | Holistic Technoloġies |
| 6 | Horizon 2000 |
| 7 | Integrated Business Systems |
| 8 | ITIS |
| 9 | Key Training |
| 10 | Learn Key |
| 11 | Malta Institute for Computer Studies |
| 12 | STC Training |
| 13 | St Mark's |
| 14 | St Martin's |
| 15 | TCTC |
| 16 | Innovate Training Institute |
| 17 | Computime Ltd |
| 18 | Quantum Solutions |
| 19 | St Thomas |
| 20 | Future Focus |
| 21 | Euro Canadian Electronics Ltd |
| 22 | Educational Support Serv Ltd |
| 23 | Computer Advisory Service |
| 24 | Trigold Ltd |
| 25 | Success Malta Ltd |
| 26 | Learning & Development Centre |
| 27 | IT Studies Centre |
| 28 | Hi-Tex Computer Centre |
| 29 | Exor Computer Training Centre |

# TABELLA B

## 49. KNEJJES PARROKKJALI TA' GĦAWDEX

| | |
|---|---|
| 1 | Parroċċa Għarb |
| 2 | Parroċċa San Ġorġ (Victoria) |
| 3 | Parroċċa Xagħra |
| 4 | Parroċċa Kerċem |
| 5 | Parroċċa Munxar |
| 6 | Parroċċa tal-Katidral, Victoria |
| 7 | Parroċċa Xlendi |

# TABELLA Ċ

## 50. KNEJJES PARROKKJALI TA' MALTA

| | |
|---|---|
| 1 | Parroċċa Dingli |
| 2 | Parroċċa Fgura |
| 3 | Parroċċa San Ġiljan |
| 4 | Parroċċa San Gejtanu |
| 5 | Parroċċa Ħal-Lija |
| 6 | Parroċċa Manikata |
| 7 | Parroċċa Ħal-Luqa |
| 8 | Parroċċa Mellieħa |
| 9 | Parroċċa Mgarr |
| 10 | Parroċċa Ħaż-Żabbar |
| 11 | Parroċċa San Ġwann |
| 12 | Parroċċa Santu Wistin, Valletta |
| 13 | Parroċċa Qrendi |
| 14 | Parroċċa Paola |
| 15 | Parroċċa Stella Maris |
| 16 | Knisja San Pawl tat-Tarġa |
| 17 | Knisja Sant'Antnin, Birkirkara |
| 18 | Knisja San Franġisk, Valletta |
| 19 | Parroċċa Xgħajra |
| 20 | Parroċċa Marsaskala |
| 21 | Parroċċa Żejtun |
| 22 | Parroċċa San Bastjan, Ħal-Qormi |
| 23 | Parroċċa Tarxien |
| 24 | Parroċċa Santa Luċija |
| 25 | Parroċċa Santa Marija, Birkirkara |
| 26 | Parroċċa San Ġużepp, Birkirkara |
| 27 | Parroċċa San Girgor, Sliema |
| 28 | Parroċċa Ħal-Safi |
| 29 | Parroċċa Siġġiewi |
| 30 | Parroċċa Żurrieq |
| 31 | Parroċċa San Ġorġ, Ħal-Qormi |

# Noti

# Noti

KNPD

**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**

Bugeia Institute
Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
Sms biss: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**

ISBN: 978-99909-71-49-1